

21993A0319(01)

19.3.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 68/3

FTEHIM

fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Komunità tal-pajjiżi terzi, id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE, u l-ħtiġiet regolatorji korrespondenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fir-rigward tal-kummerċ fil-laħam frisk tal-bovini u tal-porċini

Ittra Nru 1

Sinjur,

Nirreferi għall-iskambju ta' ittri tas-7 ta' Mejju 1991 bejn il-Kummissjoni u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u n-negozjati sussegwenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Komunità tal-pajjiżi terzi, id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE, u l-ħtiġiet regolatorji korrespondenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fir-rigward tal-kummerċ fil-laħam frisk tal-bovini u tal-porċini.

Matul n-negozjati msemija hawn fuq, iż-żewġ Partijiet ftehm u fuq dan li ġej:

1. Bl-iskambi ta' l-ittri tas-7 ta' Mejju 1991 il-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehm li jagħmlu paragon bejn id-Direttiva tal-Komunità tal-pajjiżi terzi u l-ħtiġiet regolatorji korrespondenti ta' l-Istati Uniti bil-għan li jistabbilixxu jekk il-ħtiġiet tal-Komunità u ta' l-Istati Uniti humiex ekwivalenti. Dan il-proċess kien tlesta u wera li ż-żewġ sistemi regolatorji bażikament jipprovdi l-istess salvagwardji kontra r-riskji fuq is-saħħa pubblika.
2. Il-proċess tal-paragon identifika xi differenzi fil-ħtiġiet legali u/jew amministrattivi li, jekk mhux modifikati, jipprekludu r-rikonossiment ta' l-ekwivalenza. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jibdeu l-inizzjattivi għall-modifiki meħtieġa mill-aktar fis possibbli.
- Rigward it-temi li jinvolvu l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-ħtiġiet legali u/jew amministrattivi, iż-żewġ Partijiet jintrabtu li japplikaw l-azzjonijiet fuq it-temi rilevanti skond l-Anness I. Fir-rigward ta' dawn it-temi, iż-żewġ partijiet jaqblu li jlestu l-implimentazzjoni fi żmien sitt xhur mill-iffirmar ta' dan il-Ftehim.
3. B'riferenza partikolari għall-punt Nru 26 fl-Anness I, li jikkonċerna sistema alternattiva għat-trattament tal-kesħa tat-*trichinae* fil-laħam tal-majjal, il-Komunità tintrabat li tkun evalutat din il-materja mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 1993.
4. Iż-żewġ Partijiet jaċċettaw ix-xewqa ta' resqien mifthiem reċiprokament.

Fil-kuntest tat-tlestija tas-Suq Singolu Ewropew, l-Istati Uniti jirrikonossu l-ħtieġa li jkunu adottati prinċipji komuni għall-Istati Membri tal-Komunità.

5. Iż-żewġ Partijiet jaqblu dwar ix-xewqa ta' aktar ko-operazzjoni bil-ħsieb li jkunu armonizzati l-azzjonijiet amministrattivi. Dan għandu jkun jinkludi l-frekwenza u ż-żmien taż-żjarat tar-reviżjoni fir-rigward ta' l-operazzjoni tas-servizzi rispettivi tagħhom ta' l-ispezzjoni minn veterinarji barranin responsabbli biex jirvedu s-sistemi tas-saħħa ta' pajjiżi terzi u l-istabbilimenti li jixtiequ li jesportaw il-laħam.
6. Iż-żewġ Partijiet jaċċettaw il-prinċipju tar-reġjonalizzazzjoni għall-kontroll tal-mard ta' l-annimali. F'dan ir-rigward, iż-żewġ Partijiet jaċċettaw ix-xewqa ta' reġien reċiproku mifthiem dwar l-applikazzjoni ta' strateġiji bħal dawn.

L-Istati Uniti jintrabtu li jkomplu jirrikonossu l-ħelsien ta' l-Istati Membri individwali minn mard speċifiku ta' l-annimali, mingħajr l-applikazzjoni ta' salvagwardji addizzjonali, wara l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' suq wieħed.

L-Istati Uniti jintrabtu li jemendaw l-istrateġija tagħhom fir-regolamenti ta' l-importazzjoni u l-leġislazzjoni dwar l-FMD, il-pesta tat-tixtir (rinderpest) u mard ieħor rilevanti fid-dawl tal-kunċett tar-reġjonalizzazzjoni.

7. Fil-kuntest tar-relazzjoni l-ġdida ta' ħidma bejn is-servizzi ta' l-ispezzjoni mill-veterinarji ta' l-Istati Uniti u tal-Komunità, iż-żewġ Partijiet jiftehmu li jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jistabbilixxu djalogu mtejjeb fuq il-post bejn il-veterinarji fil-livell ta' l-impjant kemm bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet fuq il-post u biex itejbu d-djalogu professjonali tagħhom.
8. Iż-żewġ Partijiet jiftehmu li jsaħħu r-rwol tal-FSIS (l-Anness III). L-Istati Uniti jintrabtu li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III fl-iqsar żmien possibbli.
9. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jagħtu bidu u jiżviluppaw l-azzjonijiet ta' ko-operazzjoni skond l-Anness IV.
10. Fl-perjodu ta' bejn l-iffirmar ta' dan il-Ftehim u l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri li hemm fih, il-miżuri provvisorji provduti fl-Anness II għandhom ikunu applikabbli.
11. Iż-żewġ partijiet jintrabtu li jagħmlu l-almu tagħhom li jlestu l-proċeduri kollha meħtieġa biex jimplimentaw fis-sħiħ dan il-Ftehim qabel il-31 ta' Diċembru 1993. Fi żmien sena mill-iffirmar tiegħu, iż-żewġ Partijiet jiftehmu li flimkien jirrevedu l-operazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi l-miżuri provvisorji.
12. Il-Partijiet jiftehmu li l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tkun torbot ir-rivedituri taż-żewġ Partijiet u tikkostitwizzi riżoluzzjoni sodisfaċenti tat-tilwima kurrenti li tinvolvi d-Direttiva ta' pajjiż terzi.
13. Fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba mill-operazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Komunità għandha tikkunsidra fuq il-bażi ta' ftehim reċiproku, il-possibiltà li tapprova mpjanti ċċertifikati mill-FSIS li huma konformi mal-ħtiġiet tal-Komunità qabel iż-żjarat mir-rivedituri. L-Istati Uniti diġa' joperaw sistema bħal din.
14. Iż-żewġ Partijiet jiftehmu li jagħtu bidu għad-diskussjonijiet mill-aktar fis possibbli dwar problemi oħra fil-qasam veterinarju b'relazzjoni mal-kummerċ fl-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali. Dawn jinkludu, fost oħrajn, is-sorveljanza tar-residwi, il-laħam tat-tjur, il-prodotti tal-laħam u l-annimali haġġin.

Għandi l-unur li nipproponi li, jekk dan li ntqal huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u t-tweġiba ta' konferma tiegħek li flimkien dawn jikkostitwixxu u huma prova ta' Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar din il-materja.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

F'isem il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej



Ittra Nru 2

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-llum li taqra kif ġej:

“Nirreferi għall-iskambju ta' ittri tas-7 ta' Mejju 1991 bejn il-Kummissjoni u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u n-negozjati sussegwenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Komunità tal-pajjiżi terzi, id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE, u l-ħtiġiet regolatorji korrespondenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fir-rigward tal-kummerċ fil-laħam frisk tal-bovini u tal-porċini.

Matul n-negozjati msemminja hawn fuq, iż-żewġ Partijiet ftehm u fuq dan li ġej:

1. Bl-iskambi ta' l-ittri tas-7 ta' Mejju 1991 il-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehm li jagħmlu paragun bejn id-Direttiva tal-Komunità tal-pajjiżi terzi u l-ħtiġiet regolatorji korrespondenti ta' l-Istati Uniti bil-għan li jistabbilixxu jekk il-ħtiġiet tal-Komunità u ta' l-Istati Uniti humiex ekwivalenti. Dan il-proċess kien tlesta u wera li iż-żewġ sistemi regolatorji bażikament jipprovdu l-istess salvagwardji kontra r-riskji fuq is-saħħa pubblika.
2. Il-proċess tal-paragun identifika xi differenzi fil-ħtiġiet legali u/jew amministrattivi li, jekk mhux modifikati, jipprekludu r-rikonossiment ta' l-ekwivalenza. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jibdwu l-inizzjattivi għall-modifiki meħtieġa mill-aktar fis possibbli.

Rigward it-temi li jinvolvu l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-ħtiġiet legali u/jew amministrattivi, iż-żewġ Partijiet jintrabtu li japplikaw l-azzjonijiet fuq it-temi rilevanti skond l-Anness I. Fir-rigward ta' dawn it-temi, iż-żewġ partijiet jaqblu li jlestu l-implimentazzjoni fi żmien sitt xhur mill-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

3. B'riferenza partikolari għall-punt Nru 26 fl-Anness I, li jikkonċerna sistema alternattiva għat-trattament tal-kesħa tat-*trichinae* fil-laħam tal-majjal, il-Komunità tintrabat li tkun evalutat din il-materja mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 1993.
4. Iż-żewġ Partijiet jaċċettaw ix-xewqa ta' resqien mifthiem reċiprokament.

Fil-kuntest tat-tlestija tas-Suq Singolu Ewropew, l-Istati Uniti jirrikonossu l-ħtieġa li jkunu adottati prinċipji komuni għall-Istati Membri tal-Komunità.

5. Iż-żewġ Partijiet jaqblu dwar ix-xewqa ta' aktar ko-operazzjoni bil-ħsieb li jkunu armonizzati l-azzjonijiet amministrattivi. Dan għandu jkun jinkludi l-frekwenza u ż-żmien taż-żjarat tar-reviżjoni fir-rigward ta' l-operazzjoni tas-servizzi rispettivi tagħhom ta' l-ispezzjoni minn veterinarji barranin responsabbli biex jirrevedu s-sistemi tas-saħħa ta' pajjiżi terzi u l-istabbilimenti li jixtiequ li jresportaw il-laħam.
6. Iż-żewġ Partijiet jaċċettaw il-prinċipju tar-reġjonalizzazzjoni għall-kontroll tal-mard ta' l-annimali. F'dan ir-rigward, iż-żewġ Partijiet jaċċettaw ix-xewqa ta' reqien reċiproku mifthiem dwar l-applikazzjoni ta' strateġiji bħal dawn.

L-Istati Uniti jintrabtu li jkomplu jirrikonossu l-ħelsien ta' l-Istati Membri individwali minn mard speċifiku ta' l-annimali, mingħajr l-applikazzjoni ta' salvagwardji addizzjonali, wara l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' suq wieħed.

L-Istati Uniti jintrabtu li jemendaw l-istrateġija tagħhom fir-regolamenti ta' l-importazzjoni u l-leġislazzjoni dwar l-FMD, il-pesta tat-tixtri (*rinderpest*) u mard ieħor rilevanti fid-dawl tal-kunċett tar-reġjonalizzazzjoni.

7. Fil-kuntest tar-relazzjoni l-ġdida ta' ħidma bejn is-servizzi ta' l-ispezzjoni mill-veterinarji ta' l-Istati Uniti u tal-Komunità, iż-żewġ Partijiet jiftehm li jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jistabbilixxu djalogu mtejjeb fuq il-post bejn il-veterinarji fil-livell ta' l-impjant kemm bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet fuq il-post u biex itejbu d-djalogu professjonali tagħhom.

8. Iż-żewġ Partijiet jiftehmu li jsaħħu r-rwol tal-FSIS (l-Anness III). L-Istati Uniti jintrabtu li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III fl-iqsar żmien possibbli.
9. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jagħtu bidu u jiżviluppaw l-azzjonijiet ta' ko-operazzjoni skond l-Anness IV.
10. Fl-perjodu ta' bejn l-iffirmar ta' dan il-Ftehim u l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri li hemm fih, il-miżuri provvisorji provduti fl-Anness II għandhom ikunu applikabbli.
11. Iż-żewġ partijiet jintrabtu li jagħmlu l-almu tagħhom li jlestu l-proċeduri kollha meħtieġa biex jimplimentaw fis-sħiħ dan il-Ftehim qabel il-31 ta' Diċembru 1993. Fi żmien sena mill-iffirmar tiegħu, iż-żewġ Partijiet jiftehmu li flimkien jirrevedu l-operazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi l-miżuri provvisorji.
12. Il-Partijiet jiftehmu li l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tkun torbot ir-rivedituri taż-żewġ Partijiet u tikkostitwizzi riżoluzzjoni sodisfaċenti tat-tilwima kurrenti li tinvolvi d-Direttiva ta' pajjiż terzi.
13. Fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba mill-operazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Komunità għandha tikkunsidra fuq il-bażi ta' ftehim reċiproku, il-possibiltà li tapprova mpjanti ċċertifikati mill-FSIS li huma konformi mal-ħtiġiet tal-Komunità qabel iż-żjarat mir-rivedituri. L-Istati Uniti diġa' joperaw sistema bħal din.
14. Iż-żewġ Partijiet jiftehmu li jagħtu bidu għad-diskussjonijiet mill-aktar fis possibbli dwar problemi oħra fil-qasam veterinarju b'relazzjoni mal-kummerċ fl-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali. Dawn jinkludu, fost oħrajn, is-sorveljanza tar-residwi, il-laħam tat-tjur, il-prodotti tal-laħam u l-annimali haġġin.


Għandi l-unur li nipproponi li, jekk dan li ntqal huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u t-tweġiba tal-konferma tiegħek li flimkien dawn jikkostitwixxu u huma prova ta' Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar din il-materja."

Għandi l-unur nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

F'isem il-Gvern ta' l-Istati
Uniti ta' l-Amerika


11-13-92



L-ANNESS I

AZZJONIJET RAKKOMANDATI

Nota ta' spjegazzjoni

L-Anness I fih ir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp tekniku konġunt ta' l-Istati Uniti-il-Komunità dwar il-ħtiġiet tal-biċċerija u l-ispezzjoni tal-laħam. Dan il-grupp kien iltaqgħa f'Novembru 1991 biex ilesti l-paragun tal-ħtiġiet ta' l-Istati Uniti u tal-Komunità kif mitluba fl-iskambji ta' l-ittri ta' l-14 ta' Mejju 1991. Bil-ħidma tal-lista meħmuża ta' 60 punt ta' kontenzzjoni identifikati miż-żewġ naħat, il-grupp tekniku identifika l-ħtiġiet legali li applikaw għal kull wieħed minn dawn il-punti. F'xi każi, il-ħtiġiet instabu li huma differenti, iżda f'dawk l-istanzi fejn il-ħtiġiet kienu jixxiebhu, il-grupp kompli l-investigazzjoni tiegħu biex jistabbilixxi minn fejn ġejja l-problema.

Ir-riżultati tad-deliberazzjonijiet tal-grupp kienu mqassra u ffurmaw il-bażi tal-konklużjonijiet ippreżentati fuq il-kolonna fuq ix-xellug ta' l-Anness I. Wara aktar kunsiderazzjoni, il-grupp żviluppa r-rakkomandazzjonijiet konġunti għal aktar azzjoni li tidher fil-kolonna fuq il-lemin.

1. Iż-żonatat-traqqid (jintilfu minn sensihom)
2. *Ante-mortem* (faċilitajiet)
3. *Ante-mortem* (faċilitajiet)
4. *Ante-mortem* (spezzjoni)
5. *Ante-mortem* (spezzjoni)
6. Tinfid (sterilizzazzjoni tas-sikkina tat-tinfid bejn il-qatgħat)
7. Tinfid (sterilizzazzjoni tas-sikkina tat-tinfid bejn il-qatgħat)
8. Tinfid (dispożizzjoni ta' kmamar għal ħasil tal-fradal għal 'tinfid')
9. L-użu ta' 'doxxi li jinżlu'
10. Trakkijiet tal-qobla (kontroll tal-faċilitajiet tal-ħasil)
11. Spezzjoni *post-mortem* (identifikazzjoni u korrelazzjoni tal-partijiet; lottijiet ikkundannati)
12. Spezzjoni *post-mortem* (proċeduri)
13. Ħtiġiet ta' persunal (sorveljanza veterinarja)
14. Ħtiġiet ta' persunal (marki tas-saħħa)
15. Ħtiġiet ta' persunal (ċertifikati mediċi)
16. Ħtiġiet ta' persunal (faċilitajiet ta' stat tajjeb tas-saħħa)
17. Ħtiġiet ta' persunal (restrizzjonijiet fl-użu ta' l-ilbies)
18. Faċilitajiet (ħażna xotta – materjali ta' l-ippakkjar)
19. Faċilitajiet (ħażna ta' sostanzi mhux ta' l-ikel)
20. Faċilitajiet (projbizzjoni kontra l-istrutturi ta' l-injam)
21. Faċilitajiet (projbizzjoni kontra t-tagħmir ta' l-injam)
22. Faċilitajiet (ilma tajjeb għax-xorb – frekwenza ta' l-ittestjar)
23. Faċilitajiet (ilma tajjeb għax-xorb – metodi ta' l-ittestjar)
24. Ħtiġiet tat-temperatura (prodotti)
25. Ħtiġiet tat-temperatura (apparat tar-reġistrazzjoni)
26. Ħtiġiet tat-temperatura (distruzzjoni ta' *trichinae*)
27. Eżami għat-*trichinae* fil-laħam taż-żiemel
28. Koperti sanitarji (veloċità tal-linji)
29. Koperti sanitarji (konġestjoni)
30. Koperti sanitarji (persunal ta' l-ispezzjoni)
31. Koperti sanitarji (ħasil ta' l-idejn/sanità ta' l-għodda)
32. Koperti sanitarji (ħtiġiet tat-tmexxija tal-prodott)
33. Kura tal-fdalijiet tal-karkassi (raċanċ aħdar)
34. Kura tal-fdalijiet tal-karkassi (raċanċ aħmar)
35. Kura tal-fdalijiet tal-karkassi (tneħħija tat-tonsilli)
36. Separazzjoni ta' l-operazzjonijiet

37. Drenaġġ fl-imqajjel suspettati ta' l-annimali
38. Separazzjoni ta' l-annimali b'saħħithom u dawk suspettati
39. Sanità tas-sikkina tat-tniffid bejn kull karkassa
40. Ħasil ta' l-istvali u l-fardal ta' dak li jbattal l-imsaren
41. Faċilitajiet tal-ħasil tat-trakk tal-qobla
42. Superviżjoni veterinarja
43. Approvazzjoni minn qabel ta' pjanti, tagħmir u materjal
44. Azzjonijiet mhux uniformi, fuq il-post mill-ispetturi ta' l-Istati Uniti (veloċità tal-linji)
45. Azzjonijiet mhux uniformi, fuq il-post mill-ispetturi ta' l-Istati Uniti (il-muskoli ta' għamid u inċiżjonijiet tan-nodula paratojda limfatika tal-bovini)
46. Azzjonijiet mhux uniformi, fuq il-post mill-ispetturi ta' l-Istati Uniti (spezzjoni tar-reġjun peri-okulari tal-bovini)
47. Spezzjoni *post-mortem* (proċeduri)
48. Azzjonijiet amministrattivi (ħin għar-rettifika tad-defiċenzi)
49. Azzjonijiet amministrattiva (tneħħija mil-listi fuq il-post)
50. Azzjonijiet amministrattivi (nuqqas ta' trasparenza tas-sistem tar-rappurtar)
51. Azzjonijiet amministrattivi (kontrolli fuq l-importazzjoni wara irregolaritajiet suspettati)
52. Azzjonijiet amministrattivi (sottomissjoni tar-rapporti miktuba ta' kull xahar)
53. Azzjonijiet amministrattivi (kontroll fuq il-prodotti fi transitu)
54. Talbiet magħmula mis-servizzi tal-veterinarji tal-Komunità għal ċertifikazzjoni dwar il-materji tal-kwalità
55. Residwi
56. Azzjonijiet amministrattivi (ħtiġiet għad-ditta li tesporta biex twaqqaf fond finanzjarju)
57. Trasparenza tal-meżżi li jirrikonoxxu li pajjiż huwa liberu mill-mard
58. Rikonoxximent ta' l-istat tas-saħħa reġjonali
59. L-aċċettazzjoni tal-miżuri tas-sanitarji tal-Komunità applikati permezz ta' deċiżjonijiet amministrattivi komuni tal-mard tal-Komunità
60. Dikriminazzjoni apparenti u nuqqas ta' l-uniformità ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti rigward ir-rikonoxximent ta' l-istat tal-mard ta' l-Istati Membri differenti

RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IS-SUĠĠETTI

SUĠĠETT	KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI	AZZJONIJIET RAKKOMANDATI
1	<i>Ħtieġa li traqqid fir-ras</i> L-Istati Uniti jaqblu li ma jużawx it-traqqid fir-ras għall-qtil ta' l-annimali destinati għall-Komunità	Adattament ta' l-istruzzjonijiet ta' l-FSIS. L-ebda tibdil fil-ħtiġiet tal-Komunità.
2	<i>L-użu ta' l-injam fil-maqjel</i> Iż-żewġ naħat jaqblu li l-injam m'għandux jintuża fil-maqjel għall-annimali morda u suspettati u, f'każijiet oħra, l-injam m'għandux ikun rakkomandat.	Adattament ta' l-istruzzjonijiet ta' l-FSIS. Emenda ta' l-istruzzjonijiet tal-Komunità – (VM p. 13). Fil-frażi, "B'dankollu, meta l-iljam kien aċċettat temporanjament, dan għandu jkun mibdul gradwalment b'materjali oħrajn...", "irid" għandha tinbidel bi "għandu".
3. u 37.	<i>Drenaġġ separat għall-maqjel ta' l-annimali suspettati</i> "Drenaġġ separat" hija mifhuma miż-żewġ naħat li tfisser li s-sistema tad-drenaġġ għandha teskludi kull possibiltà li annimali b'saħħithom jistgħu jkun f'kuntatt ma' l-effluwent mill-maqjel li jkun fihom l-annimali suspettati. Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' gradilji jew meżżi effettivi oħrajn.	Adattament ta' l-istruzzjonijiet ta' l-FSIS. Il-Komunità għandha tikkunsidra l-ħtieġa għall-kjarifika ta' l-istruzzjonijiet tal-Komunità – (VM).

SUĠĠETT

KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI

AZZJONIJET RAKKOMANDATI

4. u 38. *Prevenzjoni ta' kuntatt ma' l-annimali suspettati*
- Din ir-rakkomandazzjoni hija bbażata fuq il-ħtiġiet regolatorji u l-proċeduri stabbiliti fil-faċilitajiet ta' l-Istati Uniti li jwasslu għat-tneħħija mill-ewwel ta' l-annimali kkundannati.
- L-għan huwa li ma jitħallix aktar kuntatt ma' l-annimali b'saħħithom fil-inqas ħin l-aktar possibbli wara r-rikonoxximent li ma jkunux aċċettabbli għall-qatla.
- L-istruzzjoni ta' l-FSIS tassigura li l-annimali mhux aċċettabbli għall-qatla għandhom jitneħħew immedjetament.
- Kjarifika ta' l-istruzzjonijiet tal-Komunità – (VM p. 16):
- “... Faċilitajiet għall-annimali morda u suspetti għandhom ikunu mibnija...” għandha tinbidel bi: “... Faċilitajiet għall-annimali morda u suspettati, wara li jittieħed akkont tal-mard preżenti fir-reġjun, għandhom ikunu mibnija...”.
- 5 *Il-veterinarju għandu jwettaq l-ispezzjoni ante-mortem*
- Il-problema tikkonċerna l-ispezzjoni veterinarja *ante-mortem* ta' l-annimali fil-biċċerija. L-Istati Uniti pproponiet soluzzjoni li tinkludi l-komponenti li ġejjin:
- li l-ħtiġiet tal-Komunità jippermettu li l-ispezzjoni titwettaq fl-irziezet (lott ta' l-għalf),
 - li l-garanzija tal-provvista ta' l-Istati Uniti li l-ispezzjoni titwettaq fil-lott ta' l-għalf minn tabib veterinarju akkreditat rikonoxxut mill-FSIS,
 - li s-sistemi eżistenti ta' l-Istati Uniti kif indikati fid-dokumentazzjoni ta' l-Istati Uniti (l-Anness V, is-subanness III fil-paragrafu III, is-subparagrafi 1 u 2 iżda mhux 3), ikomplu jkunu applikati malli jaslu fil-biċċerija.
- Iż-żewġ naħat għandhom jikkunsidraw aktar azzjonijiet meħtieġa.
- 6., 7. u 39. *Sterilizzazzjoni tas-skieken tat-tniffid bejn il-qatgħat u bejn il-karkassi*
- L-ispettur responsabbli mill-faċilitajiet approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità għandu jieħu kunsiderazzjoni speċjali għat-tħassib tal-Komunità biex tkun assigura li l-għodda li jkun ġew f'kuntatt mal-estern tal-ġlud ikunu mnaddfa qabel jerġgħu jintużaw fuq laħam frisk.
- Għandhom ikunu riflessi fl-istruzzjonijiet ta' l-FSIS. L-istruzzjonijiet tal-Komunità (VM) għandhom jirriflettu li kull għodda li ġiet f'kuntatt mal-estern tal-ġlud għandha titnaddaf qabel terġa' tintuża.
- 8 *Kmamar biex jinħaslu l-fradal għal 'tat-tniffid'*
- Irtirata fuq il-ftehim li l-preferenza li jinħaslu l-fradal fil-kmamar ma teskludix l-użu tad-doxxi flessibbli skond il-punt 9.
- Ara l-punt 9.
- 9 *Użu ta' “doxxi li jinżlu”*
- Iż-żewġ naħat jaqblu li “doxxi mdendla, flessibbli, bexxiexi u manki” biss għandhom jintużaw basta li:
1. kontaminazzjoni tal-laħam frisk bit-titjir ikun ipprevenut;
 2. mhumix użati bħala sostitut għall-faċilitajiet tajbin ta' fejn jinħaslu l-idejn; u
 3. jistgħu ġeneralment jintużaw biss għall-ħasil tal-karkassi wara spezzjoni *post-mortem*.
- Għandhom ikunu riflessi fl-istruzzjonijiet ta' l-FSIS. Għandhom ikunu riflessi fl-istruzzjonijiet tal-Komunità - (VM).
- 10 *Ħtiġiet għall-awtorizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħasil tat-trakkijiet:*
- L-Istati Uniti għandhom jeħtieġu li l-meżżi tat-trasport għal-laħam ikunu mnaddfa b'mod aċċettabbli u sanitizzati u kkontrollati mill-ispettur responsabbli qabel jintużaw għal dak l-iskop.
- Din is-sitwazzjoni għandha tkun riflessa mill-istruzzjonijiet rilevanti ta' l-FSIS u l-istruzzjonijiet tal-Komunità - (VM).
- L-istabbilimenti huma awtorizzati li jużaw il-faċilitajiet tal-ħasil ta' l-għażla tagħhom fuq jew barra l-fond ta' l-impjant. Il-lokalità tassit ta' dan il-fond huwa disponibbli mill-amministrazzjoni ta' l-impjant.

SUĠĠETT

KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI

AZZJONIJET RAKKOMANDATI

Biex tkun evitata kontaminazzjoni tas-sit, it-trakkijiet għat-trasport tal-qobla mhux normali li jkunu maħsula fuq is-sit ta' l-istabbiliment. Ir-responsibiltà biex ikun assigurat li l-vetturi tat-trasport tal-qobla jinżammu f'kondizzjoni sanitarja tibqa' fuq l-APHIS. Fil-każ meta l-miżuri tal-kontroll tal-mard huma meħtieġa, t-trakkijiet jkunu mnaddfa u jkunu sanitizzati taħt il-kontroll uffiċjali ta' l-APHIS f'siti identifikati.

Iż-żewġ naħat jaqblu li t-tindif u s-sanità tat-trakkijiet jistgħu jsiru fuq jew barra l-fond ta' l-impjant, basta li l-lokalità tas-siti tal-vetturi għal-laħam jkunu għad-dispożizzjoni ta' l-ispetturi veterinari mill-amministrazzjoni ta' l-impjant. Fil-każ tat-trasport tal-qobla, is-siti uffiċjali identifikati jkunu taħt il-kontroll uffiċjali ta' l-APHIS meta l-kontroll tal-mard ikun meħtieġ.

11 *Korrelazzjoni tal-partijiet għall-ispezzjoni post-mortem (kundanna tal-lott)*

Iż-żewġ partijiet jaqblu li l-bżonn li jkunu korrelati l-fdalijiet kollha mal-karkassa għall-iskop ta' spezzjoni *post-mortem*. Huma jaqblu wkoll li jekk id-demm jew il-fdalijiet ta' bosta annimali huma miġbura fl-istess kontenitur qabel tintemm l-ispezzjoni *post-mortem*, il-kontenuti kollha jridu jkunu ddikjarati li mhumiex tajbin għall-konsum uman jekk il-karkassa ta' wieħed mill-annimali kkonċernati tkun ġiet iddikjarata mhux tajba għall-konsum uman. (Ara l-preżentazzjoni skematika ta' l-Anness V).

L-istruzzjonijiet ta' l-FSIS għandhom jirriflettu l-ħtieġa għall-ispettur responsabbli li juri l-operazzjoni effettiva tal-kundanna tal-lott u tal-korrelazzjoni.

Il-Komunità taqbel li tikkunsidra l-proċedura tal-lottijiet ta' l-Istati Uniti kif indikata fil-preżentazzjoni skematika annessa bħala proċedura aċċettabbli tal-lottijiet.

12. u 47. *Proċeduri ta' l-ispezzjoni post-mortem*

Iż-żewġ naħat indikaw dettalji ta' differenzi fil-proċeduri ta' l-ispezzjonijiet *post-mortem* għall-ispeċi differenti ta' l-annimali. Skambji tad-dokumentazzjoni ma waslux biex jintlaħaq ftehim. Iż-żewġ naħat jaqblu, b'dankollu, li revizzjoni konġunta tista' twassal għar-riżoluzzjoni ta' din il-materja.

Iż-żewġ naħat jaqblu dwar l-evalwazzjoni konġunta ta' l-operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni *post-mortem*.

13. u 14. *Kontroll veterinarju ta' l-imħażen tas-silġ, it-tqattigħ, il-marki tas-saħħa u l-apparat ta' l-ittikkettjar tas-saħħa.*

Is-suġġetti kienu eżaminati fuq il-bażi tad-dokumenti bil-kitba kif ippreżentati mill-Istati Uniti li jikkonċernaw l-ognizzazzjoni u r-responsabilitajiet tas-sistema ta' l-ispezzjoni ta' l-Istati Uniti.

Dawn is-suġġetti kienu ndirizzati b'relazzjoni mar-rwol imkabbar ta' l-FSIS rigward l-esportazzjoni lejn il-Komunità.

Adattament ta' l-istruzzjonijiet ta' l-FSIS skond l-Anness III.

Il-Komunità għandha tikkunsidra aktar azzjonijiet meħtieġa nklużi kull tibdil li hemm bżonn fil-ħtiġiet tagħha.

15 *Ħtieġa għaċ-ċertifikati mediċi ta' l-ewwel impieg*

Huwa nnotat li l-leġislazzjoni tal-Komunità tagħti l-possibiltà ta' garanziji speċifiċi, li jistgħu jkunu meħtieġa rigward is-supervizzjoni medika tal-persunall li jaħdem fuq, jew jieħu ħsieb, il-laħam frisk.

Il-leġislazzjoni ta' l-Istati Uniti teħtieġ li l-ebda operatur ta' stabbiliment uffiċjali m'għandu jimpjega fxi dipartiment fejn xi prodott huwa maħdum jew ippreparat xi persuna li turi evidenza ta' marda li tittieħed fi stadju trasmessibbli (ma tinkludix ħtieġa speċifika għaċ-ċertifikati mediċi).

L-Istati Uniti għandha tassigura li l-amministrazzjonijiet ta' l-impjanti jistgħu juru u jiddokumentaw il-mod li bih il-ħtiġiet ta' l-Istati Uniti huma applikati fil-prattika. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-ispettur uffiċjali meta mitluba.

Is-sistema biex tkompli fejn ħalliet is-supervizzjoni medika u l-infurzar uffiċjali għandha tkun skond id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-FSIS. Il-Komunità għandha teżamina jekk is-sistema segwenti ta' l-Istati Uniti tagħtix garanziji biżżejjed għall-ħtiġiet tal-Komunità (fuq bażi ta' każ b'każ).

16 *Faċilitajiet tas-saħħa*

Iż-żewġ naħat jaqblu li l-ħtiġiet tal-Komunità u ta' l-Istati Uniti huma bażikament l-istess.

Problemi prattiċi għandhom ikunu solvuti fuq bażi ta' każ b'każ fil-proċess li għaddej tar-reviżjoni bejn l-Istati Uniti u l-Komunità fuq livell ta' l-impjant.

SUĠĠETT

KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI

AZZJONIJET RAKKOMANDATI

17 *Lbies ta' l-imjegati*

Iż-żewġ naħat jaqblu li:

- li l-ħtiġiet tal-Komunità u ta' l-Istati Uniti huma bażikament l-istess.
- li lbies ta' kulur speċifikat (eż.abjad) mhux ħtieġa obbligatorja, u
- li ħwejjeġ nodfa tax-xogħol għandhom jintlibsu fil-bidu ta' kull ġurnata tax-xogħol u għandhom jibiddlu matul il-ġurnata meta meħtieġ.

L-istruzzjoni ta' l-FSIS għandha teħtieġ li l-industrija u l-FSIS ikunu kapaċi li jiddefinixxu u juru meta meħtieġ is-sistema fil-post biex tinforza l-ħtiġiet ta' l-Istati Uniti fuq il-livell ta' l-impjant.

18 *Ħtiġiet għall-ħażna separata għall-materjali ta' l-ippakkjar*

Iż-żewġ naħat jaqblu li miżuri jridu jittieħdu biex jassiguraw li l-laħam u l-prodotti tal-laħam ma jkunux ikkontaminati mill-materjali tat-tgeżwir u ta' l-ippakkjar.

Ir-regoli ta' l-FSIS għall-industrija għandhom jindikaw il-ħtiġiet tal-Komunità, li l-materjali tat-tgeżwir u ta' l-ippakkjar, li jkun sejrid jittieħdu fi kmamar fejn ikun ikunu mqandla l-laħam frisk jew il-fdalijiet espsti għandhom jinhznu fi kmamar separati u b'mod li tkun evitata kull kontaminazzjoni. L-istruzzjonijiet tal-Komunità - (VM) għandhom jinkludu indikazzjonijiet li bihom l-għanijiet ta' "konnessjoni mingħajr arja" fil-leġislazzjoni tal-Komunità jistgħu jintlaħqu sabiex tkun evitata l-kontaminazzjoni tal-materjali ta' l-ippakkjar u tat-tgeżwir.

19 *Faċilitajiet għall-ħażna fix-xott ta' oġġetti mhux ta' l-ikel*

Iż-żewġ naħat jaqblu li d-deterġenti, id-disinfettanti u sostanzi simili għandhom jinħażnu f'post żgur, sabiex tkun evitata l-kontaminazzjoni tal-laħam jew tal-materjal ta' l-ippakkjar. Post żgur jista' jkun armarju, senduq jew faċilità oħra tal-ħażna. It-tqandil ta' materjal bħal dan għandu jevita kull possibiltà ta' kontaminazzjoni ta' laħam frisk jew ta' materjal tat-tgeżwir jew ta' l-ippakkjar.

Adattament fl-istruzzjonijiet ta' l-FSIS.

L-ebda tibdil fil-ħtiġiet tal-Komunità.

20 *Injam strutturali*

Iż-żewġ naħat jaqblu li l-projbizzjoni assoluta fil-Komunità ta' l-injam tkopri l-istrumenti u t-tagħmir tax-xogħol li jista' jiġi f'kuntatt mal-laħam frisk jew mal-fdalijiet.

L-Istati Uniti ppreżentat karta biex issaħħaħ il-proposta tagħha.

Rigward l-użu strutturali ta' l-injam iż-żewġ naħt jaqblu li t-tali strutturi għandhom ikunu f'kondizzjoni tajba, impermeabbli, durabbli fil-lixx, ma jitherriex u bl-iskali b'kisja li tiflaħ għall-ilma.

Il-Komunità għandha tikkunsidra jekk din tistax tkun ikkunsidrata bħala użu strutturali aċċettabbli ta' l-injam.

L-Istati Uniti pproponiet li t-travi ta' l-injam strutturali u li jitwawhlu fis-soqfa (inklużi t-travi fil-kmamar tas-silġ u l-kesħa) li kienu impregnati b'kompost pprovat (eż.żejt jaħraq tal-kittien) ikunu jwettqu din il-ħtieġa.

L-Istati Uniti għandha tinkorpora d-dispożizzjonijiet fl-istruzzjonijiet ta' l-FSIS biex tassigura l-kontroll effettiv u ż-żamma iġjenika ta' l-uċuħ strutturali.

21 *Tagħmir ta' l-injam*

Irtirat fuq il-bażi li mhux argument ewlieni. L-Istati Uniti taqbel li l-użu ta' l-injam f'dan il-qasam għandu jitneħħa gradwalment.

Kull problema speċifika li tinqala' għandha tkun indirizzata matul ir-reviżjoni ta' l-impjant, ikun mifhum li tagħmir ta' manteniment ta' l-emerġenza, bħal ma huma slielem, jistgħu jintużaw sakemm m'hemm l-ebda riskju ta' kontaminazzjoni tal-laħam frisk jew tal-fdalijiet.

22. u 23. *Ilma tajjeb għax-xorb (frekwenza ta' l-eżamijiet u parametri bijoloġiċi).*

Huwa notat li skond l-Artikolu 4(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE garanziji speċifiċi jistgħu jkun meħtieġa dwar il-kwalità ta' l-ilma tax-xorb użat mill-istabbilimenti.

L-FSIS għandha tippreżenta garanziji speċifiċi dwar il-kwalità ta' ilma tajjeb għax-xorb użat mill-istabbilimenti. Il-Komunità tintrabat li tikkunsidra mill-ewwel is-sottomissjonijiet kollha.

SUĠĠETT

KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI

AZZJONIJET RAKKOMANDATI

- 24 *Ħtiġiet tat-temperatura tal-laħam*
- Id-diskussjonijiet jindikaw li s-sistema ta' l-Istati Uniti tidher li tilħaq it-temperaturi tal-laħam meħtieġa mil-leġislazzjoni tal-Komunità.
- Il-Komunità għandha tikkunsidra jekk il-temperaturi milħuqa mill-operazzjoni tas-sistema ta' l-Istati Uniti humiex aċċettabbli.
- L-Istati Uniti għandha ddaħħal id-dispożizzjonijiet fl-istruzzjonijiet ta' l-FSIS biex tasigura li l-veterinarju responsabbli effettivament jenforza l-ħtiġiet tat-temperaturi tal-laħam tal-Komunità.
- 25 *Apparat ta' reġistrazzjoni tat-temperatura*
- In-naħa ta' l-Istati Uniti titlob li r-reġistrazzjonijiet bil-kitba tat-temperaturi tal-kamra jkunu kkunsidrati aċċettabbli f'impjanti ta' volumi baxxi.
- Il-Komunità għandha tikkunsidra jekk ir-reġistrazzjonijiet bil-kitba tat-temperaturi tal-kamra jistgħux ikunu kkunsidrati aċċettabbli f'impjanti ta' volumi baxxi.
- 26 *Temperatura għall-qerda tat-'trichinae'*
- L-Istati Uniti ppreżentat sistema ta' trattament alternattiv ta' temperaturi kesħin lill-Komunità għall-qerda tat-'trichinae' fil-laħam tal-majjal (ara l-Anness V).
- Il-Komunità taqbel li teżamina d-dokumentazzjoni ta' l-Istati Uniti sabiex tistabbilixxi jekk tipprovdiż garanzija alternattiva aċċettabbli tas-saħħa.
- 27 *Ħtieġa li jkun eżaminat il-laħam taż-żiemel għat-trichinae*
- L-Istati Uniti ppreżentat dokumentazzjoni fejn ikun mistoqsi l-bżonn li jkun eżaminat il-laħam taż-żiemel għat-trichinae.
- Il-Komunità taqbel li tistudja xjentifikament id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Istati Uniti.
- 28.,2-9.,30.,31. u 32. *Lbies sanitarju.*
- Iż-żewġ sistemi jiddependu fuq il-ġudizzju tal-veterinarju uffiċjali biex jistabbilixxi jekk l-ilbies sanitarju huwiex imwettaq b'tali mod li livell aċċettabbli ta' iġjene jinżamm. Problemi jinħolqu minn differenza apparenti fl-istandards mhux miktuba applikati minn kull sistema.
- Iż-żewġ naħat jirrakkomandaw li għandu jkun hemm djalogu aħjar fuq il-post bejn il-veterinarji fuq livell ta' l-impjant, it-tnejn bil-għan li jsibu soluzzjoni fuq il-post u biex itejbu d-djalogu professjonali tagħhom.
- Ir-rakkomandazzjoni ta' hawn fuq għandha tkun imsaħħa minn fehma aktar ċara ta' l-interpretazzjoni tal-ħtiġiet tal-Komunità mill-FSIS.
- Għandha ssir fl-isfond ta' rwol imkabbar għall-FSIS fil-proċess ta' l-approvazzjoni ta' l-impjant tal-Komunità, inklużi l-ispezzjoni u l-kontroll iġjeniku.
- Għandha tkun sostnuta minn kuntratti bilaterali diġa' għaddejjin għewwa struttura stabbilita. Dan id-djalogu għandu jinvolve l-livelli xierqa kollha tas-servizzi ta' l-ispezzjoni inkluż il-persunall ta' l-ispezzjoni veterinarja responsabbli mill-ispezzjoni ta' l-impjant taż-żewġ naħat (ara l-Anness IV).
- 33 *Il-bżonn għal kamra separata biex jitnaddfu l-istonkijiet u l-intestini*
- Huwa miftiehem miż-żewġ naħat li l-leġislazzjoni tal-Komunità (Id-Direttiva 64/433/KEE) ma teħtieġx kamra separata sakemm il-kondizzjonijiet innumerati fil-Kapitolu 11, 14c ta' dik id-Direttiva jkunu mwettqa.
- Kjarifika tal-ħtiġiet tal-Komunità fuq dan il-punt għandha tkun ikkunsidrata bil-ħsieb li tindika li rigward l-fdalijiet hodur mill-majjali, diviżorju għandu jkun meħtieġ, fuq bażi ta' każ b'każ, meta huwa meħtieġ li tkun evitata l-kontaminazzjoni tal-laħam frisk u tal-fdalijiet.
- 34 *Kura tal-fdalijiet ħomor*
- Irtirata.
- Il-problema nħolqot minn ftehim ħażin tal-ħtiġiet tal-Komunità u m'għandhiex terġa' tinqala fil-futur.
- 35 *Kura tal-fdalijiet tal-karkassi (tneħħija tat-tonsilli tal-majjal)*
- Huwa miftiehem miż-żewġ naħat li t-tneħħija tat-tonsilli tal-majjal għandhom isiru b'mod li jevitaw il-kontaminazzjoni tar-ras u ta' l-ilsien. Dan is-suġġett għandu jkun solvut matul ir-reviżjoni ta' l-impjant.
- Kjarifika ta' l-istruzzjonijiet tal-Komunità - (VM) fuq dan il-punt għandha tkun ikkunsidrata.

SUĠĠETT

KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI

AZZJONIJET RAKKOMANDATI

- 36 *Separazzjoni ta' l-operazzjonijiet*
- Irtirat fuq il-fehma li l-ebda kondimenti jew ħwawar ma jkunu maħduma jew użati fl-istess post fejn il-laħam frisk huwa maħdum, maqtugħ jew imqatta' f'biċċiet.
- 40 *Ħasil ta' l-istivali u l-fradal tal-battal ta' l-imsaren*
- L-Istati Uniti wkoll tikkonferma li hija tapplika l-istess ħtiġiet għall-prodotti importati u għal daww prodotti lokament. Jiġifieri l-Istati Uniti teħtieġ ħasil biss meta sseħħ il-kontaminazzjoni. Bħala riżultat tad-diskussjonijiet li saru fil-kuntest ta' dawn in-negozjati kull fehma ħażina tal-ħtiġiet ta' l-Istati Uniti għandha tkun eliminata.
- 41 *Faċilitajiet tal-ħasil tat-trakkijiet*
- Irtirat.
- Il-problema nħolqot mill-applikazzjoni tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni. Hemm differenza fil-ħtiġiet legali. Peress li m'hemm l-ebda ħtieġa ta' l-Istati Uniti, l-problema m'għandhiex tinqala' fil-futur (ara l-punt 10).
- 42 *Superviżjoni veterinarja ta' l-impjanti*
- L-Istati Uniti tikkonferma li l-ħtiġiet tas-superviżjoni veterinarja applikabbli għall-impjanti tal-Komunità għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti m'humiex aktar mill-ħtiġiet lokali ta' l-Istati Uniti.
- 43 *Approvazzjoni minn qabel ta' pjanti tat-tagħmir u tal-materjali.*
- Kien iċċarat matul il-kors tad-diskussjoni li l-Istati Uniti ma timponix ħtieġa assoluta li l-impjanti fpajjiżi barranin jibagħtu pjanti li l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom għall-approvazzjoni minn qabel.
- L-Istati Uniti għandha tkompli tapplika l-ekwivalenza ta' din il-ħtieġa.
- 44.,4-5.,
46.,4-7.,
48.,4-9.,
50.,5-1.
- Azzjonijiet amministrattivi*
- Idem 28 sa 32
- Ara l-Anness III.
Ara l-Anness IV.
- 52 *Azzjonijiet amministrattivi (sottomissjonijiet tar-rapporti ta' kull xahar)*
- Fil-kuntest kollu ta' l-ekwivalenza għandu jkun hemm żjarat perjoċi minn veterinarju fuq livell ta' superviżjoni tal-pajjiż li qed jesporta lejn stabbilimenti approvati, bħala prinċipju fuq bażi ta' kull xahar.
- Rapporti bil-miktub taż-żjarat ta' hawn fuq għandhom ikunu disponibbli għall-uffiċjali ta' l-ispezzjoni li jagħmlu ż-żjara li jirrappreżentaw il-pajjiżi li qed jimportaw.
- It-tali żjarat jew rapporti m'għandhomx ikunu meħtieġa matul perjoċi meta l-istabbilimenti m'humiex joperaw jew mhux ingaġġati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni lejn il-pajjiż li qed jilqagħhom.
- Aktar dettalji dwar dan is-suġġett għandhom ikunu stabbiliti fis-sett tar-regoli ta' l-Anness IV inkluża l-kwistjoni tal-kunfidenzjalità.
- Ara l-Annessi III u IV.
- 53 *Azzjonijiet amministrattivi (kontroll fuq prodotti fi transitu)*
- Il-problem tidher li toriġina mill-ħtiġiet tal-pajjiżi tad-destinazzjoni (li jinsistu li l-kontenituri ssiġillati jinfetħu fil-punt tat-transitu) u mhux ta' l-Istati Uniti.
- Ara l-Anness IV.

SUĠĠETT

KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI

AZZJONIJIET RAKKOMANDATI

- 54 *Talbiet magħmula mis-servizzi veterinarji tal-Komunità għal ċertifikazzjoni dwar materji ta' kwalità*

Mhux indirizzati fuq livell tekniku skond il-ftehim li jeskludi dawn is-suġġetti minn dawn it-taħditiet.

- 55 *Talbiet magħmula mis-servizzi veterinarji tal-Komunità rigward ir-residwi*

Mhux indirizzati fuq livell tekniku skond il-ftehim li jeskludi dawn is-suġġetti minn dawn it-taħditiet.

- 56 *Trust fund finanzjarju*

Qabel ma tagħti approvazzjoni għall-esportazzjoni, l-Istati Uniti teħtieġ li l-operaturi ta' l-impjant tal-Komunità jistabbilixxu trust fund biex jintuża biex iħallas għall-ispezzjonijiet għal salvagwardji addizzjonali tas-saħħa ta' l-annimali li huma meħtieġa mill-USDA. Il-Komunità tistaqsi dwar il-ġustifikazzjoni għal din il-ħtieġa mandatorja. Tibdil fir-regolament ta' l-USDA jista' jkun possibbli.

Il-USDA għandha tirrevedi l-ħtieġa tagħha għal trust fund finanzjarju mill-impjanti ta' l-esportazzjoni mill-Komunità.

- 57 *Trasparenza tal-meżżi wżati li jirrikonoxxu li pajjiż huwa ħieles mill-mard*

Iż-żewġ naħat jużaw sistema li tiddependi fuq talbiet għall-informazzjoni u żjarat fuq il-post biex tinġabar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet f'pajjiżi barranin. Fiż-żewġ sistemi, kumitat jagħmel evalutazzjoni ta' l-informazzjoni rigward, u jagħti l-opinjoni dwar, l-istat tal-mard qabel id-deċiżjoni finali. Fl-Istati Uniti dan il-proċess, f'xi każi, ħa aktar minn sena minħabba proċeduri amministrattivi.

Huwa għall-pajjiż li jesporta biex japplika għar-rikonoxximent ta' l-istatus tiegħu fiż-żewġ sistemi. L-istatus jiddependi, fost affarijiet oħra, fuq l-istrateġija ta' l-importazzjoni fil-pajjiż li qed jesporta. Mill-1 ta' Lulju 1992, il-kontrolli veterinarji fuq il-fruntieri interni fil-Komunità jinbidlu minn sistema li tinkludi kontrolli rinforzati fl-oriġini. Iż-żewġ naħat jaqblu li din is-sistema għandha tipprovdi garanziji biżżejjed tas-saħħa li jippermettu li jinżamm l-istatus eżistenti ta' l-Istati Membri tal-Komunità. Ir-Renju Unit, l-Irlanda, id-Danimarka, il-Lussemburgu

Il-USDA tintrabat li tkompli r-rikonoxximent tal-ħelsien ta' l-Istati Membri mill-mard ta' l-annimali kif ġej:

FMD u l-marda li biha l-annimali jixtaru (rinderpest)
Ir-Renju Unit, l-Irlanda, id-Danimarka Kodiċi 94.1

VVND Ir-Renju Unit,
l-Irlanda, id-Danimarka Kodiċi 94.6

Kolera tal-ħanżir selvaġġ
Ir-Renju Unit, l-Irlanda, id-Danimarka Kodiċi 94.9

SVD Kodiċi 94.12
ASF

kollha apparti milli l-Italja, il-Portugal, Spanja Kodiċi 94.8
AHS

kollha apparti milli il-Portugal u Spanja Kodiċi 92 301
mingħajr l-applikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali wara l-1 ta' Lulju 1992 meta' l-kontrolli veterinarji interni tal-fruntiera jintneħħew mill-Komunità.

B'dankollu, minħabba x-xejriet li jinbidlu tal-kummerċ, l-USDA qegħda tikkunsidra l-applikazzjoni tal-ħtiġiet li ma jitħalltux ma' impjanti Irlandiżi tal-laħam (dawn diġa' applikati fir-Renju Unit u fid-Danimarka). Li ma jitħalltux f'dan il-kuntest ifisser li l-impjant ikkonċernat ma jaħdimx fl-istess ħin, l-annimali, il-laħam jew il-prodotti minn pajjiżi li mhux rikonoxxuti bħala ħieles minn mard relevanti u li m'hemmx taħlit ta' laħam jew prodotti destinati għall-Istati Uniti ma' laħam jew prodotti mit-tali pajjiżi.

Il-USDA tintrabat li malajr tipproċessa applikazzjonijiet minn Stati Membri li issa m'humiex rikonoxxuti bħala ħieles minn ċertu mard mill-USDA. Għall-iskop tar-rikonoxximent ta' status ħieles mill-mard, l-USDA tintrabat li taċċetta l-leġislazzjoni tal-Komunità li hija legalment vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha, meta teżisti, u hija l-bażi legali għall-miżuri ta' kontroll tal-mard ta' l-annimali u l-istrateġija tas-saħħa ta' l-annimali rigward l-importazzjoni ta' l-annimali haġġin, tal-laħam u tal-prodotti.

SUĠĠETT

KONKLUŻJONI TAD-DISKUSSJONI

AZZJONIJET RAKKOMANDATI

Il-Kummissjoni tal-Komunità għandha tintrabat li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tħaffef il-lista ta' l-Istati Membri li huma ħielsa mill-mard ta' l-annimali kif xieraq.

58 *Rikonoxximent ta' l-istatus reġjonali tas-saħħa*

Il-Komunità bagħtet dokument lill-APHIS, bl-isem "Suq Wieħed tal-Komunità – strateġija ġdida fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali u tal-pjanti". Dan jiddettalja l-istruttura amministrattiva li tieħu ħsieb il-mard epiżotiku ta' l-annimali fil-Komunità.

Iż-żewġ naħat jirrikonoxxu il-benefiċċji ta' potenzjal fil-kunċett ta' reġjonalizzazzjoni biex jikkontrollaw tfaqqiegħ ta' mard epiżotiku u eżotiku, u li l-kriterja għad-definizzjoni tar-reġjun u l-metodu ta' l-amministrazzjoni tar-reġjun huma kritiċi.

L-APHIS stabbiliet grupp ta' hídma biex jistudja l-applikazzjoni tal-kunċett tar-reġjonalizzazzjoni għall-miżuri tal-kontroll tal-mard ta' l-annimali.

59 *L-aċċettazzjoni tal-miżuri sanitarji tal-Komunità applikati għall-pajjiżi jew ir-reġjuni b'inċidenza differenti ta' mard*

Iż-żewġ naħat jirrikonoxxu li ċertu mard jista' jkun preżenti fuq livelli differenti ta' inċidenza f'pajjiżi jew f'reġjuni u li livell differenti ta' riskju huwa marbut ma' l-importazzjoni minn pajjiżi jew reġjuni b'inċidenza differenti tal-mard.

Fuq il-bażi tal-karta strateġika tal-Komunità il-USDA tirrikonoxxi li l-istrateġija tal-Komunità għall-kontroll tal-mard fuq bażi reġjonali tista' tagħti garanziji aċċettabbli li ma tħallix il-firxa tal-mard ta' l-annimali permezz ta' prodotti ta' l-orijini mill-annimali.

L-Istati Uniti għandha tikkunsidra l-politika tagħha ta' l-importazzjoni fuq il-bażi tal-kunċett tar-reġjonalizzazzjoni, u jekk ikun il-każ, tintrabat li temenda r-regolamenti u l-leġislazzjoni tagħha dwar l-FMD, il-pesta tat-tixir (rinderpest) u l-mard l-ieħor relevanti.

Il-USDA tirrikonoxxi li l-BSE hija ta' inċidenza baxxa fl-Irlanda u fi Franza u tippreżenta sitwazzjoni epidemjoloġika differenti minn dik fir-Renju Unit.

Il-USDA taċċetta li inċidenza differenti ta' marda speċifika tista' teżisti bejn pajjiżi differenti u li r-riskju ta' l-importazzjoni minn pajjiżi b'inċidenza baxxa hija anqas minn daww b'inċidenza għolja, u għandha tagħmel evalutazzjoni tal-BSE u r-riċerka disponibbli ta' scrapie, tistudja r-rakkomandazzjonijiet ta' l-OIE, u timplimenta l-istudji ta' l-estimi tar-riskju bil-għan li timmodifika l-proċeduri ta' l-importazzjoni.

60 *Dikriminazzjoni apparenti u nuqqas ta' uniformità ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti rigward ir-rikonoxximent ta' l-istatus tal-mard ta' l-Istati Membri differenti*

Iż-żewġ naħat jaqblu li r-rikonoxximent ta' status ħieles mill-mard jiddependi fuq is-sitwazzjoni tal-mard, is-sistema ta' kontroll, eċċ. u li l-pajjiżi għandhom ikunu ttrattati mingħajr diskriminazzjoni. L-importazzjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti huma aċċettati mill-USDA minn xi pajjiżi għalkemm il-pajjiżi m'humiex ħieles minn SVD, iæda dawn il-prodotti m'humiex aċċettati minn pajjiżi oħra li huma kkunsidrati ħielsa mill-Komunità. Studji jindikaw li l-għixien tal-virus ta' l-SVD jista' jeċċedi l-500 ġurnata f'ċerti prodotti tal-perżut ippreservat. Għalhekk, il-USDA qiegħda twettaq evalutazzjoni ta' l-istatus ta' l-SVD tal-pajjiżi ikkonċernat li qed jesporta.

Il-USDA għandha tintrabat li tapplika l-miżuri tat-tnaqqis fir-riskju b'uniformità fl-Istati Membri kollha ta' status simili.

Il-USDA tintrabat li ma ddewwimx għalxejn l-aċċettazzjoni ta' l-importazzjoni wara li r-riæultati ta' l-istudji xjentifiċi jkunu disponibbli u taqbel li kull tali studju għandu jkun relevanti għas-sitwazzjoni tal-mard fl-Istat Membru kkonċernat.

L-ANNESS II

fis-17 ta' Lulju 1992.

MIŻURI INTERIM

Bil-ghān li jintlaħqu l-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Komunità tal-pajjiż terzi u mingħajr pteġudizzju għall-Anness I ta' dan il-Ftehim, iż-żewġ Partijiet jaqblu li l-Komunità għandha taċċetta, suġġett għall-proċeduri tas-soltu tal-listi tal-Komunità, il-prodotti mill-Istati Uniti ta' l-annimali porċini u bovini mill-biċċeriji li jkun konformi mal-ħtiġiet tal-Komunità u ta' l-Istati Uniti, b'dan il-modifiki speċifiċi temporanji li ġejjin.

1. Applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-suġġetti Nri 1 sa 4, 6 sa 11, 13 sa 19, 22 sa 24 u 35 (l-Anness I).
2. L-FSIS għandha topera rwol akbar skond l-Anness III.
3. Iż-żewġ partijiet għandhom jibdew l-iżvilupp ta' l-azzjonijiet ta' ko-operazzjoni skond l-Anness IV.
4. Dwar l-ispezzjoni *post-mortem* tal-qalb tal-majjali, l-inċiżjoni għandha ssir mill-persunal ta' l-impjant qabel l-ispezzjoni tal-qalb mill-persunal tal-FSIS.
5. Travi ta' l-injam użati fil-kmamar tal-ksha huma aċċettati sakemm ikunu f'kondizzjoni tajba, lixxi u ttrattati b'żejt jaħraq tal-kittien jew komposti aċċettabbli oħra li jagħmluhom impermeabbli, issiġġillati u li ma jitmermru u li l-FSIS tassigura l-kontroll effettiv tal-manteniment iġjeniku. Meta jitmermru, it-travi ta' l-injam għandhom jinbiddlu minn materjali alternattivi.
6. Tindif u preparazzjoni ta' l-istonkijiet tal-majjali (suġġett 33)

rigward il-fdalijiet ħodor mill-majjali, it-tindif u l-preparazzjoni m'għandux isir fil-kamra tal-qatla matul il-preparazzjoni tal-prodott għas-swieg tal-Komunità,

jew

rigward il-fdalijiet ħodor mill-majjali il-partizzjoni tat-tagħmir mekkaniku tal-*closed-circuit* għandu jkun meħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ, meta huwa meħtieġ li ma titħallix il-kontaminazzjoni tal-laħam frisk u tal-fdalijiet.

Barra minn hekk, matul dan il-perjodu ta' l-intervent, l-ispezzjoni veterinarja *ante-mortem* ta' l-annimali kollha għall-qatla fil-biċċerija jibqgħu applikabbli.

L-ANNESS III

Mhux-karta

TKABBIR TAR-RWOL TAL-FSIS DWAR L-ISPEZZJONI U L-ASIGURAZZJONIJET LI JIKKONĊERNAW IL-LISTA TA' L-IMPJANTI

1. L-Istati Uniti spjegat l-organizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-FSIS fid-dettal, kif indikat hawn taħt f'ittra minn Dr Dubbert, Amministratur Deputat tal-Programmi Internazzjonali tas-27 ta' April 1992.

STRUTTURA U KONTROLL TA' L-OPERAZZJONIJET TA' L-ESPORTAZZJONI TAS-SERVIZZ TAS-SIGURTÀ TA' L-IKEL U TA' L-ISPEZZJONI**I. Struttura ta' l-organizzazzjoni**

Is-Servizz tas-Sigurtà ta' l-Ikel u ta' l-Ispezzjoni (FSIS/SSII) huwa magħmul minn ħames oqsma ewlenin ta' programmi, kull wiehied amministrat minn Deputat Amministratur li jwieġeb direttament għall-Amministratur (ara l-Figura 1-1). Iż-żewġ oqsma tal-programm li għandhom l-akbar rwol biex jassiguraw li l-laħam frisk għall-esportazzjoni lejn il-pajjiżi barranin huwa bla periklu, huwa bnin, u b-tikketti eżatti huma l-operazzjonijiet tal-programmi internazzjonali u ta' l-ispezzjonijiet. Bħalma huwa l-każ fil-ħames oqsma kollha tal-programm, l-operazzjonijiet tal-programmi internazzjonali u ta' l-ispezzjoni huma konnessi bħala organizzazzjoni mill-uffiċċju ta' l-amministratur. B'dankollu, fil-prattika dawn iż-żewġ oqsma ta' programmi jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fil-livelli xierqa tal-ħidma.

A. Programmi internazzjonali

Fi ħdan il-programmi internazzjonali, ir-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-ko-ordinazzjoni tal-politika ta' l-esportazzjoni taqa' fuq it-taqsimha tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni. Id-Direttur tat-taqsimha tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni huwa veterinarju u hemm ħames veterinarji fil-persunal tat-taqsimha. Ibbażata fuq revizzjoni diġa' għaddejja tal-ħtiġiet ta' l-importazzjoni ta' madwar 80 pajjiż barrani, inkluż kull Stat Membru tal-Komunità, it-taqsimha tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni żviluppat database li fih istruzzjonijiet kif jintlaħqu l-ħtiġiet ta' kull prodott esportat lejn kull pajjiż. Il-politika ta' l-FSIS dwar l-esportazzjoni lejn kull pajjiż partikolari hija tradotta fi Prattika Regulatorja bl-istruzzjonijiet li jinsabu f'dan id-database. (Ara l-istruzzjonijiet mehmuża għall-esporti lejn ir-Renju Unit.) Id-database jista' jkun aċċess direttament minn stabbilimenti li jespertaw, u kopji tal-karti ta' l-istruzzjonijiet, inklużi aġġornamenti u emendi oħrajn, huma pprovduti mit-taqsimha tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni għall-uffiċċji reġjonali ta' l-operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni biex jittassmu lill-stabbilimenti li jespertaw.

Minbarra li taġġorna u tqassam dawn l-istruzzjonijiet, it-taqsimha tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni hija wkoll responsabbli li żżomm listi ta' l-stabbilimenti li huma approvati għall-esportazzjoni lejn pajjiżi speċifiċi barranin. Żjarat minn revizzuri barranin għal dawn l-stabbilimenti huma amministrati mit-taqsimha ta' ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni minn Washington. Biex jikkordinaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-esportazzjoni, il-programmi internazzjonali jippruvaw jinkludu persunal xieraq ta' l-operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni, kif ukoll bħala membru tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni, fir-reviżjonijiet kollha barranin. L-osservazzjonijiet magħmula mir-reviżuri barranin dwar defiċjenzi fl-stabbiliment fil-ħin tal-laqqgħat tal-ħruġ ma' l-ispettur responsabbli u l-amministrazzjoni ta' l-impjant jiddaħħlu fid-database tal-programmi internazzjonali u sikwit jirriżultaw f'tibdil ta' struzzjonijiet għall-pajjiżi speċifiċi barranin.

B. Operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni

Parti importanti tal-funzjoni regulatorja mwettqa mill-operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni hija l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-esportazzjoni żviluppata mill-programmi internazzjonali. L-attivitajiet ta' l-ispezzjoni ta' l-FSIS huma mwettqa minn network ta' ħames uffiċċji reġjonali, 26 uffiċċji lokali, u 188 ċirkwiti ta' spezzjoni. Kull uffiċċju reġjonali huwa amministrat minn direttur reġjonali li huwa veterinarju. Fil-23 post li fihom stabbilimenti tal-qatla l-uffiċċji tal-lokal huma amministrati minn supervizzuri tal-lokal li huma veterinarji, u supervizzuri taċ-ċirkwit li jamministraw iċ-ċirkwiti ta' l-ispezzjoni tal-qatla f'dawn il-postijiet huma wkoll veterinarji. Din l-istruttura piramida għandha bħala l-bażi tagħha l-ispettur responsabbli (IIC) fl-stabbilimenti tal-qatla. Għalhekk, il-linja tal-kmand fl-operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni timxi mid-Deputat Amministratur għad-Diretturi Reġjonali mis-supervizzuri tal-lokal għas-supervizzuri taċ-ċirkwit u fl-aħħar għat-IICs.

Mibnija fl-istruttura ta' l-organizzazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni hija sistema ta' kontrolli li tidda bil-funzjoni tas-superviżjoni ta' l-uffiċċji reġjonali u tal-lokal. B'dankollu, il-konnessjoni ewlenija fil-linja tal-kmand bejn il-livell reġjonali/tal-lokal u l-istabbilimenti nnifishom huwa s-superviżur taċ-ċirkwit. Dan ifisser li huwa wkoll il-passaġġ prinċipali ta' l-informazzjoni bejn l-istabbilimenti u t-taqsim tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni tal-programmi internazzjonali. Is-superviżur taċ-ċirkwit huwa responsabbli li jżur l-istabbilimenti kollha tal-qatla fiċ-ċirkwit tiegħu regolarment u huwa meħtieġ li jwettaq reviżjoni fil-fond ta' kull faċilità, inkluż kontroll għall-konformità mal-ħtiġiet ta' l-importazzjoni ta' pajjiżi barranin. Minn din ir-reviżjoni joħroġ rapport bil-miktub li, meta jkun hemm bżonn, jiffirma l-bażi għal programm ta' titjib ta' l-impjant li jindirizza deficijenzi speċjali nnotati mis-superviżur taċ-ċirkwit. F'ħafna każi, is-superviżur tal-lokal u l-espterti tal-qatla u ta' l-ipproċessar mill-uffiċċju reġjonali jingħaqdu mas-superviżur taċ-ċirkwit meta jagħmel ir-reviżjonijiet ta' kull kwart tas-sena.

II. Kontroll u responsabbiltà fuq livell ta' l-impjant

A. Stabbilimenti tal-qatla

L-ispettur responsabbli f'kull stabbiliment tal-qatla huwa responsabbli mill-ispezzjoni u l-kontroll ta' l-operazzjonijiet tal-qatla. F'kollha minbarra l-iżgħar faċilitajiet, it-IIC huwa veterinarju, u huwa mgħejjun mill-persunal magħmul minn veterinarji oħra u spetturi tal-laħam. Ir-responsabbiltajiet speċifiċi ta' l-IICs jinkludi li jiċċertifikaw li l-ħtiġiet tal-pajjiżi barranin, kif inhuma reġistrati fl-istruzzjonijiet minn Washington, ikunu jitħarsu. Għalkemm l-IIC normalment jiddelega ċerti partijiet mir-responsabbiltà kollha tiegħu (spezzjoni *post-mortem*, per eżempju) lill-persunal tiegħu, il-firma tiegħu trid tidher fuq iċ-ċertifikat ta' l-esportazzjoni. Meta jiffirma iċ-ċertifikat ta' l-esportazzjoni għall-kunsinna tal-prodotti destinati għall-Komunità, per eżempju, l-IIC jiċċertifika li l-prodotti f'dik il-kunsinna jikkwalifikaw għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. L-IIC m'jikkontrollax (fiziċament) l-ittikkettjar tal-materjali ta' l-Istati Uniti jew tal-Komunità. (L-IIC jikkontrolla l-prodott ta' l-USDA li huwa applikat fuq il-post tal-qatla.)

Għalkemm l-IIC huwa responsabbli biex jassigura li l-prodotti kollha li jħallu l-biċċerija huma identifikati sewwa, l-amministrazzjoni ta' l-impjant fil-fatt tixtri, taħżen, u tapplika (taħt is-superviżur tal-FSIS) it-tabelli kollha ta' l-Istati Uniti u tal-Komunità. Filwaqt li l-IIC mhux direttament reponsabbli mill-materjal ta' l-ittikkettjar, għandu kontroll sħiħ fuq iċ-ċertifikati ta' l-esportazzjoni. Iċ-ċertifikati kollha ta' l-esportazzjoni jinħarġu direttament lit-IIC mill-uffiċċji reġjonali. L-IIC huwa responsabbli li jżomm inventarju taċ-ċertifikati fil-pussess tiegħu u li jżommhom f'post żgħur. Bħala kontroll addizzjonali, il-kartun kollu f'ċerta tagħbija fuq vapur huma ttimbrati bin-numru taċ-ċertifikat ta' l-esportazzjoni li huwa ppreparat għal dik it-tagħbija u t-timbru wżat għall-kartun huwa kkontrollat mil-IIC.

B. Impjanti tat-tqattigħ u mħażen tal-friża

Konsistenti mar-regolamenti ta' l-FSIS, veterinarju mħarreġ normalment m'huwiex preżenti f'ħafna mill-impjanti tat-tqattigħ u l-imħażen tal-friża fl-Istati Uniti. B'dankollu, iż-żewġ tipi tal-faċilitajiet huma taħt is-superviżjoni tas-superviżur taċ-ċirkwit, li f'ħafna każijiet huwa veterinarju. Normalment huwa possibbli li l-ħtiġiet tal-Komunità għas-superviżjoni veterinarja jitħarsu billi tkun assigurata l-presenza ta' veterinarja meta qed isir it-tqattigħ għas-suq tal-Komunità jew tal-prodott fl-imħażen tal-friża ikun imħejji għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Fil-maġġoranza tal-każi, l-FSIS hija kapaċi takkomoda l-faċilitajiet interessati fl-esportazzjoni lejn il-Komunità minħabba li l-fond tat-tqattigħ huwa parti mill-impjant integrat immexxi minn IIC jew l-imħażen tal-friża jinsabu viċin biċċerija approvata mill-Komunità.

2. In-naħa ta' l-Istati Uniti wriet ix-xewqa tagħha li tesplora modi biex tibdel l-istrateġija tagħha dwar l-ispezzjoni u l-assigurazzjonijiet dwar il-lista ta' l-impjanti biex issaħħaħ l-irwol ta' l-FSIS

3. L-Istati Uniti barra minn hekk indikat:

"Dwar il-parteċipazzjoni ta' l-FSIS fil-proċess ta' l-approvazzjoni tal-Komunità għall-impjanti ta' l-Istati Uniti... L-FSIS titlob biss lill-Komunità li tispezzjona daww l-impjanti li aħna nemmnu fis-sħiħ li jaderixxu mal-ħtiġiet tal-Komunità. Meta meħtieġ, l-FSIS tiċċertifika l-korrezzjoni tad-defiċjenzi."

4. Rigward l-implimentazzjoni ta' dan ta' hawn fuq:

L-FSIS/it-taqsim tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni (ECD) jaħdmu ma' l-Istati Uniti-MEF biex jidentifikaw l-impjanti interessati fl-esportazzjoni lejn il-Komunità.

Dawn l-impjanti mbagħad iżuruhom il-persunal ta' l-FSIS/ECD li joffru assistenza teknika, pariri professjonali u spjegazzjoni tal-ħtiġiet tal-Komunità.

L-informazzjoni dwar il-ħtiġiet tal-Komunità fid-database tat-taqsima tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni tintuża mil-linja veterinarja tal-kmand responsabbli mir-reviżjoni tal-faċilitajiet li jixtiequ li jkunu approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

Libbażati fuq dawn iż-żjarat ta' l-impjanti l-FSIS/ECED tinnomina l-impjanti għar-reviżjoni tal-Komunità.

Min-naħa amministrattiva l-KEE tkun mitqasja mill-FSIS/ECED biss biex iżżur l-impjanti li huma jemmnu fis-sħiħ li jaderixxu mal-ħtiġiet tal-Komunità wara dawn ir-reviżjonijiet fil-fond tal-faċilità kkonċernata.

Wara t-talba ta' l-FSIS, il-KEE tintrabat li tagħmel żjarat ta' spezzjoni mingħajr dewmien bla bżonn.

Il-persunal ta' l-FSIS/ECED jakkumpanjaw l-iskwadri tar-reviżjoni tal-Komunità.

Wara ż-żjarat tar-reviżuri tal-KEE, l-FSIS/ECED tindirizza l-korrezzjoni tad-defiċjenzi sabiex telimina ż-żjarat ta' l-uffiċjali tal-KEE, u tiċċertifika l-korrezzjoni tad-defiċjenzi.

L-ispettur responsabbli minn kull stabbiliment għandu juża l-informazzjoni tad-database rigward il-ħtiġiet tal-Komunità sabiex jaqdi r-responsabbiltajiet speċifiċi inkluż li jiċċertifika li l-ħtiġiet tal-Komunità jitħarsu.

L-istess informazzjoni tad-database rigward il-ħtiġiet tal-Komunità fid-database tat-taqsima tal-ko-ordinazzjoni ta' l-esportazzjoni ssir disponibbli għall-KEE. Il-kontenut u kull tibdil ipplanat minn kull naħa ikun miftiehem minn proċedura diġa għaddeja ta' ko-operazzjoni.

Ir-rapporti bil-miktub taż-żjarat perjodiċi ta' superviżjoni rutina mil-linja veterinarja tal-kmand jkunu disponibbli meta mitluba lir-reviżuri barranin li jżuru.

L-FSIS minnufih tavża lill-awtoritajiet tal-Komunità meta tistabbilixxi li l-operazzjonijiet f'impjant m'humiex kompatibbli mal-ħtiġiet tal-Komunità u, wara bidliet bħal waqfien mill-operazzjoni jew alterazzjonijiet strutturali jew operazzjonali sinifikanti.

Il-fond tal-qatla jkollu preżenza veterinarja kostanti, il-fond tat-tqattigħ jkollu żjarat mill-anqas darba kuljum minn veterinarju uffiċjali u l-imħażen iżuruhom perjodikament l-Uffiċjali veterinarju meta m'humiex taħt is-superviżjoni ta' l-ispettur veterinarju responsabbli mill-impjanti magħquda. Il-veterinarju responsabbli għandu jkollu kontroll tat-timbri u tal-prodotti ta' l-Istati Uniti li għandhom jinżammu ffond imsakkar. It-tikketti u l-marki tal-Komunità ukoll ikunu taħt il-kontroll tal-veterinarju (u jinżammu fil-faċilitajiet imsakkra). Il-veterinarju responsabbli għandu jiffirma ċ-ċertifikati kollha tas-saħħa tal-KEE (il-punti tas-suġġett 13 u 14).

Spezzjoni *ante-mortem* titwettaq minn veterinarju (punt tas-suġġett 5).

5. Libbażata fuq l-esperjenza miksuba mill-operazzjoni tas-sistema ta' hawn fuq, l-Istati Uniti titlob li l-impjanti ċċertifikati mill-FSIS li huma konformi mal-ħtiġiet tal-Komunità jkunu approvati mill-Komunità qabel iż-żjara ta' l-ispetturi tal-Komunità.
6. Il-KEE tikkunindra fil-kuntest ta' metodu reċiprokament mifthiem, il-possibiltajiet li jkunu approvati mpjanti ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Pajjiżi Terzi qabel iż-żjarat tar-reviżuri tal-Komunità.

L-ANNESS IV

PROPOSTA GĦALL-PROĊEDURA TAL-KO-OPERAZZJONI TA' L-ISTATI UNITI-IL-KOMUNITÀ

Suġġetti meta l-komunikazzjoni u ko-operazzjoni aħjar hija meħtieġa

Numru ta' suġġetti jidhru li joħorġu minn deċiżjonijiet li jittieħdu f'livelli differenti ta' responsabbiltà meta l-leġislazzjoni ma tkunx speċifika. L-estimi jindikaw li dawn jaqgħu f'mill-anqas tlett livelli fejn jistgħu jsiru rakkomandazzjonijiet għal ko-operazzjoni aħjar.

(a) *Rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-problemi amministrattivi fuq livell ġenerali*

Iż-żewġ naħat jaqblu li sistema aktar mill-qrib ta' kuntatti formalizzati għandhom ikunu stabbiliti fuq livell xieraq biex jindirizzaw problems futuri u nuqqas ta' fehim f'dan il-qasam. Peress li l-problemi jistgħu jinqalgħu fuq bażi ta' kuljum bejn is-servizzi mhux biżżejjed li jkun hemm kuntatti bilaterali darba jew darbtejn biss fis-sena. Kull naħa tidentifika persuni ta' kuntatt li jkunu disponibbli fuq bażi ta' kuljum sabiex jikkordinaw il-komunikazzjonijiet bilaterali. L-Annessi veterinarji jista' jkollhom rwol utli f'dan il-kuntest (ara l-punti tas-suġġett 17 u 40).

(b) *Ir-rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-problemi li joriġinaw mill-applikazzjoni tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni.*

Iż-żewġ naħat jaqblu li sistema għandha tkun stabbilita biex ikunu riveduti rakkomandazzjonijiet u struzzjonijiet żviluppati minn kull naħa qabel ikunu formalment adottati. Dan iwassal għal metodu aktar komuni għall-iżvilupp ta' dawn ir-regoli. Barra minn hekk sistema mtejbja għall-iskambju ta' l-informazzjoni rilevanti għandha tkun żvilupata.

(c) *Rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw suġġetti li joħorġu mill-aċċettazzjoni ta' ġudizzju professjonali, individwali ta' veterinarji uffiċjali*

Iż-żewġ sistemi jiddependu minn ġudizzju veterinarju professjonali għal numru ta' deċiżjonijiet.

Sabiex jinġieb metodu komuni matul l-ispezzjoni attwali, jista' jkun suġġerit li korsijiet ta' studji u programmi ta' taħriġ magħquda għandhom ikunu rranġati.

Iż-żewġ naħat jaqblu li jista' wkoll ikun hemm b'żonn li tkun stabbilita rotta amministrattiva ta' appell u sistema għal riżoluzzjoni ta' tilwim bejn il-veterinarji fuq livell ta' l-impjant (ara l-punti tas-suġġett 28 sa 32).

(d) *Rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw is-suġġetti li jistgħu jkunu solvuti minn ko-operazzjoni mtejbja fuq livell xjentifiku*

Numru ta' suġġetti jidher li għandhom b'żonn studju xjentifiku aktar fid-dettal sabiex ikunu solvuti. Jista' jkun rakkomandat li l-ko-operazzjoni f'xogħol xjentifiku bejn istanzi nnominati jkunu istitwiti u ffinanzjati miż-żewġ amministrazzjonijiet.

L-ANNESS V

L-Anness I.C

ORGANIZZAZZJONI, STRUTTURA U RESPONSABILTAJIET TA' L-FSIS

Dipartiment ta' l-Agricoltura ta' l-Istati Uniti

Is-Servizzi tas-Sigurtà ta' l-Ikel u ta' l-Ispezzjoni

Washington, D.C.
20250

fis-27 ta' April 1992.

Is-Sur Thad Lively
Uffiċjali ta' l-Agricoltura ta' l-U.S.
Missjoni lejn il-Komunitajiet Ewropej
PSC B2 Box 002
APO AL 09742

Għażiż Thad:

Din li ġejja hija l-istruttura u l-kontroll ta' l-operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni għas-Servizz tas-Sigurtà u l-Ispezzjoni ta' l-Ikel.

I. **Struttura ta' l-Organizzazzjoni**

Is-Servizz tas-Sigurtà u l-Ispezzjoni ta' l-Ikel (FSIS) huwa magħmul minn ħames oqsma ewlenin ta' programmi, kull wiehied immexxi minn Deputat Amministratur li jwieġeb direttament għall-Amministratur (ara l-Figura 1-1). Iż-żewġ oqsma tal-programm li għandhom l-akbar rwol biex jassiguraw li l-laħam frisk għall-esportazzjoni lejn il-pajjiżi barranin huwa bla periklu, huwa komplut, u itikkettjat sewwa huma l-Programmi Internazzjonali u l-Operazzjonijiet ta' l-ispezzjoni. Bħalma huwa l-każ fil-ħames oqsma kollha tal-programm, Programmi Internazzjonali u ta' l-Operazzjonijiet ta' l-Ispezzjoni huma konnessi bħala organizzazzjoni mill-Uffiċċju ta' l-Amministratur. B'dankollu, fil-prattika dawn iż-żewġ oqsma ta' programmi jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom fil-livelli xierqa tax-xogħol.

A. *Programmi Internazzjonali*

Fi ħdan il-Programmi Internazzjonali, ir-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-ko-ordinazzjoni ta' l-istrateġija ta' l-esportazzjoni taqa' fuq it-Diviżjoni tal-Ko-ordinazzjoni ta' l-Esportazzjoni. Id-Direttur tad-Diviżjoni tal-Ko-ordinazzjoni ta' l-Esportazzjoni huwa veterinarju u hemm ħames veterinarji fil-persunal tat-taqsima. Ibbażata fuq reviżjoni diġa' għaddejja tal-ħtiġiet ta' l-importazzjoni ta' madwar 80 pajjiż barrani, inkluż kull stat membru tal-KE, id-Diviżjoni tal-Ko-ordinazzjoni ta' l-Esportazzjoni żviluppat database li fiha istruzzjonijiet ta' kif jintlaħqu l-ħtiġiet ta' kull prodott esportat lejn kull pajjiż. L-istrateġija ta' l-FSIS dwar l-esportazzjoni lejn kull pajjiż partikolari hija tradotta fi Prattika regolatorja bl-istruzzjonijiet li jinsabu f'dan id-database. (Ara l-istruzzjonijiet meħmuża għall-esportazzjoni lejn ir-Renju Unit.) Id-database jista' jkun aċċess direttament minn stabbilimenti li jesportaw, u kopji tal-karti ta' l-istruzzjonijiet, inklużi l-aġġornamenti u l-emendi l-oħrajn, huma pprovduti mid-Diviżjoni tal-Ko-ordinazzjoni ta' l-Esportazzjoni għall-Uffiċċji Reġjonali ta' l-Operazzjonijiet ta' l-Ispezzjoni biex jitqassmu lill-istabbilimenti li jesportaw.

Minbarra li taġġorna u tqassam dawn l-istruzzjonijiet, id-Diviżjoni tal-Ko-ordinazzjoni ta' l-Esportazzjoni hija wkoll responsabbli li żżomm listi ta' l-istabbilimenti li huma approvati għall-esportazzjoni lejn pajjiżi speċifiċi barranin. Żjarat minn reviżuri barranin għal dawn l-istabbilimenti huma amministrati mid-Diviżjoni ta' Ko-ordinazzjoni ta' l-Esporti minn Washington. Biex jikkordinaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' l-esportazzjoni, il-Programmi Internazzjonali jagħmlu sforz li jinkludu persunal xieraq ta' l-Operazzjonijiet ta' l-Ispezzjoni, kif ukoll bħala membru tal-Ko-ordinazzjoni ta' l-Esportazzjoni, fir-reviżjonijiet kollha barranin. L-osservazzjonijiet magħmula mir-reviżuri barranin dwar deficijenzi fl-istabbiliment fil-ħin tal-laqgħat tal-ħruġ ma' l-ispettur responsabbli u l-amministrazzjoni ta' l-impjant jiddaħħlu fid-database tal-Programmi Internazzjonali u sikwit jirriżultaw f'tibdil ta' l-istruzzjonijiet għall-pajjiżi speċifiċi barranin.

B. Operazzjonijiet ta' l-Ispezzjoni

Parti importanti tal-funzjoni regolatorja mwettqa mill-Operazzjonijiet ta' l-Ispezzjoni hija l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' l-esportazzjoni żviluppata mill-Programmi Internazzjonali. L-attivitajiet ta' l-ispezzjoni ta' l-FSIS huma mwettqa minn network ta' ħames uffiċċji reġjonali, 26 uffiċċji lokali, u 188 ċirkwiti ta' spezzjoni. Kull uffiċċju reġjonali huwa amministrat minn direttur reġjonali li huwa veterinarju. Fil-23 żona li fihom stabbilimenti tal-qatla l-uffiċċji tal-lokal huma amministrati minn superviżuri tal-lokal li huma veterinarji, u s-superviżuri taċ-ċirkwit li jamministraw iċ-ċirkwiti ta' l-ispezzjoni tal-qatla f'dawn il-postijiet huma wkoll veterinarji. Din l-istruttura piramida għandha bħala l-bażi tagħha l-ispettur responsabbli (IIC) fl-istabbilimenti tal-qatla. Għalhekk, il-linja tal-kmand fl-Operazzjonijiet ta' l-Ispezzjoni timxi mid-Deputat Amministratur għad-Diretturi Reġjonali mis-superviżuri tal-lokal għas-superviżuri taċ-ċirkwit u fl-aħħar għat-IICs.

Mibnija fl-istruttura organizzazzjoni ta' l-Operazzjonijiet ta' l-Ispezzjoni hija sistema ta' kontrolli li tidba bil-funzjoni ġenerali ta' l-uffiċċji reġjonali u tal-lokal. MB'dankollu, il-konnessjoni ewlenija fil-linja tal-kmand bejn il-livell reġjonali/tal-lokal u l-istabbilimenti nnifishom huwa s-superviżur taċ-ċirkwit. Dan ifisser li huwa wkoll il-passaġġ prinċipali ta' l-informazzjoni bejn l-istabbilimenti u t-Diviżjoni tal-Ko-ordinazzjoni ta' l-Esportazzjoni tal-Programmi Internazzjonali. Is-superviżur taċ-ċirkwit huwa responsabbli li jżur l-istabbilimenti kollha tal-qatla fiċ-ċirkwit tiegħu regolarment u huwa meħtieġ li jwettaq revizzjoni fil-fond ta' kull faċilità, inkluż kontroll għall-konformità mal-ħtiġiet ta' l-importazzjoni ta' pajjiżi barranin. Din ir-reviżjoni tirriżulta f'rapport bil-miktub li, meta meħtieġ, jifforma l-bażi għal programm ta' titjib ta' l-impjant li jindirizza d-defiċenzi speċjali nnotati mis-superviżur taċ-ċirkwit. F'ħafna każi, is-superviżur tal-lokal u l-esperti tal-qatla u ta' l-ipproċessar mill-uffiċċju reġjonali jingħaqdu mas-superviżur taċ-ċirkwit meta jagħmel ir-reviżjonijiet ta' kull kwart tas-sena.

II. Kontroll u Responsabbiltà fuq Livell ta' l-Impjant


A. Stabbilimenti tal-Qatla

L-ispettur responsabbli f'kull stabbiliment tal-qatla huwa responsabbli mill-ispezzjoni u l-kontroll ta' l-operazzjonijiet tal-qatla. F'kollha minbarra l-iżgħar faċilitajiet, il-IIC huwa veterinarju, u huwa mgħejjun mill-persunal magħmul minn veterinarji u spetturi oħrajn tal-laħam. Ir-responsabbilitajiet speċifiċi ta' l-IICs jinkludu li jiċċertifikaw li l-ħtiġiet tal-pajjiżi barranin, kif inhuma reġistrati fl-istruzzjonijiet minn Washington, ikunu jitħarsu. Għalkemm il-IIC normalment jiddelega ċerti partijiet mir-responsabbiltà kollha tiegħu (spezzjoni *post-mortem*, per eżempju) lill-persunal tiegħu, il-firma tiegħu trid tidher fuq iċ-ċertifikat ta' l-esportazzjoni. Meta jiffirma iċ-ċertifikat ta' l-esportazzjoni għall-kunsinna tal-prodotti destinati għall-KE, per eżempju, l-IIC jiċċertifika li l-prodotti f'dik il-kunsinna jikkwalifikaw għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

L-IIC ma jikkontrollax (fiżikament) l-ittikkettjar tal-materjali ta' l-US jew tal-KE. (L-IIC jikkontrolla l-prodott ta' l-USDA li huwa applikat fuq il-post tal-qatla.) Għalkemm l-IIC huwa responsabbli biex jassigura li l-prodotti kollha li jħallu l-biċċerija huma identifikati sewwa, l-amministrazzjoni ta' l-impjant fil-fatt tixtri, taħżen, u tapplika (taħt is-supervizzjoni ta' l-FSIS) it-tikketti kollha ta' l-US u tal-KE. Filwaqt li l-IIC mhux direttament reponsabbli mill-materjal ta' l-ittikkettjar, għandu kontroll sħiħ fuq iċ-ċertifikati ta' l-esportazzjoni. Iċ-ċertifikati kollha ta' l-esportazzjoni jinħarġu direttament lill-IIC mill-uffiċċji reġjonali. L-IIC huwa responsabbli li jżomm inventarju taċ-ċertifikati fil-pussess tiegħu u li jżommhom f'post żgħir. Bħala kontroll addizzjonali, il-kartun kollu f'ċerta tagħbija fuq vapur huma ttimbrati bin-numru taċ-ċertifikat ta' l-esportazzjoni li huwa ppreparat għal dik it-tagħbija u t-timbru wżat biex jagħmel il-kartun kkontrollat mill-IIC.

B. Impjanti tat-Tqattigħ u Mhażen tas-Silġ


Konsistenti mar-regolamenti ta' l-FSIS, veterinarju mħarreġ normalment m'huwiex preżenti f'ħafna mill-impjanti tat-tqattigħ u l-imħażen tal-friża fl-Istati Uniti. B'dankollu, iż-żewġ tipi tal-faċilità huma taħt is-supervizzjoni tas-superviżur taċ-ċirkwit, li f'ħafna każijiet huwa veterinarju. Normalment huwa possibbli li l-ħtiġiet tal-KE għas-supervizzjoni veterinarja jitħarsu billi tkun assicurata l-presenza ta' veterinarja meta jkun isir it-tqattigħ għas-suq tal-KE jew tal-prodott fl-imħażen tas-silġ ikun imħejji għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Fil-maġġoranza tal-każi, l-FSIS hija kapaċi takkomoda l-faċilitajiet interessati fl-esportazzjoni lejn il-KE minħabba li l-fond tat-tqattigħ huwa parti mill-impjant integrat amministrat mill-IIC jew l-imħażen tas-silġ jinsabu viċin biċċerija approvata mill-KE.



William H. Dubbert
Deputat Amministratur
tal-Programmi Internazzjo-
nali

L-ANNEX II

KORRELAZZJONI POST-MORTEM U ĠBIR F'LOTTIJET



L-ANNESS III

SPEZZJONI VETERINARJA ANTE-MORTEM

ABBOZZ FINALI

5. Spezzjoni ante-mortem minn Veterinarju Uffiċjali

Suġġett: Għandhom l-ispezzjonijiet *ante-mortem* ikunu mtwettqa minn veterinarji uffiċjali?

US 9 CFR 311.1 – Il-qerda ta' karkassi jew partijiet morda jew mħassra b'mod ieħor: ġenerali – L-Uffiċjali veterinarju mediku għandu jeżerċita l-ġudizzju tiegħu rigward id-dispożizzjoni tal-karkassi kollha jew tal-partijiet tal-karkassi taħt din il-parti b'manjera li tasigura li l-prodott tajeb għas-saħħa, mhux imħassar, jgħaddi għall-ikel tal-bniedem (ħtieġa legali li d-dispożizzjonijiet tal-karkassi kollha jkunu bbażati fuq il-ġudizzju ta' veterinarju).

US – Il-Manwal tal-Laħam u tal-Laħam tat-Tjur jippermetti sa 90 % ta' l-għażla qabel l-osservazzjoni ta' l-annimali mill-ispetturi tal-FSIS li ssir minn mhux-veterinarji u mhux-spetturi.

US – 9 CFR 309.1(a): 'Il-qobla kollha offruti għall-qatla fi stabbiliment uffiċjali għandhom ikunu eżaminati u spezzjonati... qabel il-qatla.' (L-ebda ħtieġa legali li l-ispezzjoni *ante-mortem* issir minn veterinarju.)

Bażi għall-Ħtieġiet

A. Sakemm il-qobla tal-Komunità Ewropea u ta' l-US miġjuba għall-qatla huma simili bħala żmien u status tas-saħħa, ż-żewġ sistemi huma paralleli ma' xulxin. Taħt iż-żewġ sistemi tal-KE u ta' l-US, kull animal li serva aktar minn skop wieħed f'ħajtu qabel jiddaħħal għall-qatla huwa eżaminat sewwa minn veterinarju ma' l-ispezzjoni ante-mortem. Id-differenzi bejn is-sistemi tal-KE u ta' l-US jinsabu fl-amministazzjoni ta' l-annimali li huma uniċi għall-industrija tal-qobla u li għalihom m'hemmx kontropartijiet fis-sistema tal-KE.

I. L-Industrija tal-Qobla ta' l-US

L-industrija tal-qobla ta' l-US hija magħmula minn annimali ta' l-utilità u ta' l-għalf.

Il-qobla ta' l-utilità huma mwarrba fl-aħħar tal-ħajja produttiva tagħhom. L-annimali mwarrba jirrappreżentaw 15 % ta' l-annimali ppreżentati għall-qatla u meqjusa tajbin għall-konsum uman. Dawn l-annimali jkunu servew aktar minn skop wieħed matul ħajjithom. Per eżempju, jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-ħalib jew għat-trobbija fil-merħliet tal-baqra/għoġol. Bħala karatteristika, huma akbar fiż-żmien u suġġetti għal varjetà ta' problemi tas-saħħa. Meta huma ppreżentati għall-qatla, jeħtieġu skrutinju mill-viċin minn veterinarju.

Bhejjem (ta' l-għalf) mitmugħa jirrappreżentaw 85 % ta' l-annimali kollha mibgħuta għall-qatla. Dawn l-annimali huma uniċi bl-istandards tal-KE għax huma ġeneralment iżgħar (ta' età ta' 18 sa 24 xahar) meta mibgħuta għall-qatla; fl-aqwa ta' ħajjithom; f'saħħa u vitalità eċċellenti; kellhom kura medika u tilqim eċċellenti; ingħataw program ta' nutriment iddisinjat xjentifikament; trabbew f'oqsma kbar f'iżolament parzjali biex titnaqqsilhom l-esposizzjoni għall-tmiġġiż u riskji oħra; u, importanti ħafna, trabbew biss bl-iskop li jipprovdu l-laħam.

II. Sistema tal-KE

Hija l-fehma tagħna tas-sistema tal-KE li l-annimali ppreżentati għall-qatla kellhom ħajja ta' ħafna skopijiet u ġeneralment huma akbar fiż-żmien. Ħajjithom u l-istatus tas-saħħa tagħhom huma aktar qrib l-annimali ta' l-US li jingħażlu mill-merħliet li jipproduċu l-ħalib jew tat-trobbija. It-tali annimali għandhom bżonn aktar ta' eżami minn veterinarju għax iċ-ċans għall-problemi tas-saħħa huwa aktar fost din il-popolazzjoni. Il-USDA tirrikonoxxi din il-problema u, bħall-KE, teħtieġ li dawn l-annimali jirċievu revizzjoni aktar intensiva minn veterinarji.

III. Sistemi ta' Spezzjoni ta' l-US

Il-US għandha tlett livelli ta' proċeduri ta' spezzjoni *ante-mortem* għat-tlett tipi ta' sitwazzjonijiet li jeżistu fl-industrija tal-qobla ta' l-US.

1. Annimali li Jittwarbu

Minħabba li dawn l-annimali servew ħafna skopijiet f'ħajjithom, huma normalment jinqatlu f'faċilitajiet uniċi speċjalizzati biex jieħdu ħsieb dan it-tip ta' animal. Dawn l-annimali jgħaddu minn eżami fid-dettal minn veterinarju. Dan il-kompitu qatt m'huwa delegat u dejjem isir f'mod tradizzjonali minn Uffiċjali veterinarju mediku ta' l-FSIS (VMO). Dan ifisser li l-annimali huma osservati waqt li jistrieħu u waqt li jiċċaqilqu, u dan isir miż-żewġ naħat.

2. Spezzjoni *Ante-mortem* Tradizzjonali ta' l-Annimali fuq l-Għalf

Mija fil-mija ta' dawn l-annimali huma osservati waqt li jistrieħu u waqt li jiċċaqilqu, dan isir miż-żewġ naħat, fil-mod tradizzjonali, minn veterinarju jew minn spettur mhux veterinarju ta' l-FSIS. Imbagħad, jew veterinarju jew spettur mhux veterinarju ta' l-FSIS, huwa speċjalment imħarreġ biex jidentifika annimali mhux normali minn annimali normali, iwettaq spezzjoni *ante-mortem*. Annimali mhux normali huma separati għall-eżami addizzjonali mill-veterinarju li wkoll jiddeċiedi d-dispożizzjoni finali ta' l-annimal. L-annimali normali biss jipproċedu direttament għall-qatla.

3. Spezzjoni Alternattiva ta' l-Annimali fuq l-Għalf

Spezzjoni alternattiva tippermetti li l-persunal imħarreġ ta' l-impjant jeżaminaw il-merhlet u jassiguraw li l-annimali sodi u b'saħħithom biss huma ppreżentati għall-ispezzjoni *ante-mortem* u għall-qatla. Kull stabbiliment li jagħmel din l-għażla jrid ikollu l-approvazzjoni minn qabel tas-Superviżur taż-Żona ta' l-FSIS, li huwa Uffiċjali veterinarju mediku. L-eżami tal-bidu jsir minn operaturi ta' l-għalf fuq bażi ta' kuljum. Dawn l-impjegati ta' l-għalf huma responsabbli li jgħalfu u jieħdu ħsieb l-annimali u li jarawhom kuljum. Jekk annimal jidher li ma jiflaħx jew jidher dgħajef għal xi raġuni, dak l-annimali jitneħħa mill-kompetizzjoni tal-merħla l-kbira u jitrabba f'mandra żgħira sakemm jerġa' jikseb saħħtu u jkun qawwi. L-annimali kollha fuq l-għalf f'din is-sistema huma taħt skrutinju mill-qrib mill-veterinarju taħt kuntratt li huwa mpjegat minn min jagħlef. Wara l-eżami tal-bidu, il-persunal ta' l-FSIS, jew veterinarju jew spettur mhux veterinarju ta' l-FSIS, josserva 100 % ta' l-annimali waqt li jistrieħu. Imbagħad kampjun rappreżentattiv tal-merħla (5 sa 10 %) jintgħażel minn bosta lottijiet u jerġa' jkun spezzjonat, din id-darba biss waqt li qed jiċċaqilaq, u dan isir miż-żewġ naħat tal-bhima. Kull animal mhux normali ikun mogħti eżami sħiħ u tradizzjonali ieħor minn veterinarju – waqt il-mistrieħ u waqt iċ-ċaqliq, u dan isir miż-żewġ naħat tal-bhima. Il-VMO imbagħad jagħmel dispożizzjoni finali.

IV. Esperjenza tas-Sistema ta' l-US

Matul id-disa' ġabriet ta' għaxar snin li dawn it-tlett sistemi ntużaw u kienu raffinati fl-US, urew li huma effettivi ħafna fl-għażla u t-tneħħija ta' l-annimali li huma meqjusa mhux tajbin għall-konsum tal-bniedem.

DOKUMENTAZZJONI TAL-US

(Trichinosis)

Ħtiġiet għall-qerda tat-*Trichinae*

Suġġett: Liema tagħqid ta' żmien/temperaturi huma meħtieġ biex jeqirdu kompletament it-*trichinae*?

Leġislazzjoni:

KE - Direttiva 77/96/KEE ta' 12/21/76, l-Anness IV:

"6. It-temperatura fil-kamra tar-refriġerazzjoni trid tkun mill-anqas -25 °C."

"7. Il-laħam b'dijametru jew ħxuna sa 25cm irid ikun iffriżat għal mill-inqas 240 siegħa konsekutiva, u l-laħam b'dijametru jew ħxuna ta' bejn 25 u 50cm irid ikun iffriżat għal mill-inqas 480 siegħa konsekutiva."

US - 9CFR 308.3 (c) (2) tiddikjara r-relazzjonijiet taż-żmien/temperaturi (l-iskedi 1 u 2).

Analiżi: Il-problema tinholq minn differenza fil-ħtiġiet legali.

Bażi għall-ħtiġiet:

A. US

Ir-relazzjonijiet taż-żmien/temperaturi fl-iskeda 1 intużaw mill-USDA għal aktar minn 40 sena. Dawk fl-iskeda 2 kienu miżjuda fl-1973. Iż-żmien u t-temperaturi fl-iskeda 1 huma bbażati fuq ix-xogħol ta' Ransom (1920). Matul is-snin kien innotat li Ransom ħadem l-aktar b'temperaturi ta' l-arja f'faċilitajiet ordinarji ta' ħażna fil-kesħa fejn ir-rata tal-bidla fit-temperatura tal-laħam li fiha l-parassita kienet relattivament bil-mod (Augustine, 1933; Blair u Lang, 1934).

Augustine (1952) u Gould (1949) ikkonkludew li t-*trichinae* tista' tkun meqruda billi titbaxxa t-temperatura tal-prodott għal -35 °C u -37 °C rispettivament. B'dana kollu biex jinkisbu dawn it-temperaturi bit-teknika mekkanika konvenzjonali ta' l-iffriżar disponibbli dak iż-żmien kien ferm imprattiku. Bil-wasla tal-materjali krijoġeniċi, bħal nitroġenu likwidu u nitroġenu likwidu u d-diossidu tal-karbonju likwidu, il-kisba ta' -35 °C fl-organi tal-majjal permezz tal-kondizzjonijiet kummerċjali hija possibbli u prattikabbli.

B'dan f'moħħu Zimmermann (1972) studja kemm huma effettivi dawn il-materjali ta' l-iffriżar għall-qerda tat-*trichinae* u t-temperaturi minimi meħtieġa biex jagħmlu l-prodott mingħajr periklu għall-konsum mingħajr aktar trattament. Huwa wera li temperatura tal-prodott ta' -29 °C tagħmel il-prodott ħieles mit-*trichinae*.

Ix-xogħol ta' Kotula (1990) jipprovdi kontinwazzjoni taż-żminijiet u temperaturi definittivi meħtieġa biex tinqered it-*trichinae*. Mill-1985, dawn huma tnejn mill-aktar rapporti tajbin dwar l-iffriżar tat-*trichinae*. Dawn l-istudju jsostnu t-temperaturi tar-refriġerazzjoni ta' l-USDA fl-iskeda 2 bħala li jassiguraw marġini adegwati ta' sigurtà għall-qerda tat-*trichinae*. L-istudju ta' Kotula jindika li l-marġini tas-sigurtà tat-temperaturi ta' l-iffriżar fl-iskeda 2 jeċċedu l-99,99 % tal-limiti l-aktar għolja ta' l-asigurazzjoni li t-*trichinae* tinqered.

It-temperaturi fl-iskeda 2 huma relattivament faċli u ekonomiċi biex jintlaħqu bit-teknoloġija tal-llum. Barra minn hekk, jeħilsu lill-proċessur mill-problemi marbutin ma' ħażna fit-tul tal-majjal biex tinqered it-*trichinae*.

Referenzi:

Augustine, D. L. (1933), Effetti ta' temperaturi baxxi fuq encysted *Trichinella spiralis*. Amer. Jour. Hyg. 1933, 17:697-710.

Kotula, A. W. (1990), Infezzjoni ta' *Trichinella spiralis* minn Majjal Iffriżat, Ġurnal tal-Protezzjoni ta' l-Ikel, Vol. 53, Lulju 1990, 571-626.

Ransom, B. H. (1916), Effetti tar-refriġerazzjoni fuq il-larva ta' *Trichinella spiralis*, Ġurnal tar-Riċerka Agrikola, Vol. 5, Jannar 31, 1916, 819-854.

Zimmermann, W. J., (1985), Kemm huwa Effikaċi l-Iffriżar biex Jelimina l-Infezzjoni tat-*Trichinella spiralis* fil-Prodotti tal-Majjal fil-Kaxxi, Ġurnal tal-Protezzjoni ta' l-Ikel, Vol. 48, Marzu 1985, 196-199.

Gould, S. E. u. L. J. Kassa, Trattament ta' Temperaturi Baxxi tal-Majjal, Am. J. Hyg., 1940, Vol. 49, 17-24.

Rust, R. E. u W. J. Zimmermann, Qerda b'temperatura baxxa tat-*Trichinella spiralis* bl-użu tan-nitroġenu likwidu u d-diossidu tal-karbonju likwidu, Ġurnal tax-Xjenza ta' l-Ikel, Vol. 37, 1972, 706-707.

Smith, J. H., Evalutazzjoni ta' l-Isterilizzazzjoni b'Temperaturi Baxxi tal-Majjal Infettat bit-*Trichinae*, Can. J. Comp. Med., Vol. 39, Lulju 1975, 316-320.

**Rapport tat-8-18 ta' April, 1991 Żjara ta' Skwadra tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ta' l-Istati Uniti (USDA)
lejn Franza Rigward it-Tfaqiqh tat-Trichinosis fil-Bnedmin**

Membri ta' l-Iskwadra:

Robert Fetzner, D.V.M.; Caldwell W. Nash; Charlotte I. Miller, Ph.D.

Editur tar-rapport:

Linda Russell. M.A.

ABBOZZ

20 ta' Ġunju, 1991

Dipartiment ta' l-Agrikoltura ta' l-Istati Uniti

Is-Servizzi tas-Sigurtà ta' l-Ikel u ta' l-Ispezzjoni (FSIS)

Programmi Internazzjonali

Washington, D.C.

Meħuda mill-Proċedimenti tal-95 Laqgħa ta' Kull Sena ta' l-Assoċjazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali ta' l-Istati Uniti, San Diego, California, 1991
